Diċembru 2019
Nru. 29




# Leħen il-Punent


PAY THE
EASY WAY
DOWNLOAD, TAP & PAY
BOV pay
BOV
Bank of Valletta
GET IT ON Google Play
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).


Contact Joe Borg on 99474744
Our Offices on 21443335, 21446241/2, 27446242
Email - joe@smartofficeltd.com
Visit our Website - www.smartofficeltd.com
call now

# Leħen il-Punent

ĦARĠA SPEĊJALI TA' KULL SENA
Diċembru 2019 • Nru 29

Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, l-Għarb GRB1044
Tel: 2156 0556 • Email: gharb.lc@gov.mt
Facebook: Gharb Local Council

• KUNSILL LOKALI GĦARB •

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap Agius |
| Viċi Sindku: | Louis Apap |
| Kunsilliera: | Tonio Mifsud |
| | Joseph Mizzi |
| | Miriam Borg |
| Segretarju Eżekuttiv: | Emily Amatulli Depasquale |
| Librara/Ass. Principal: | Christina Camenzuli |
| Staff: | Sandro Cauchi |
| | Elizabeth Camilleri |
| | Christian Attard |

Kull korrispondenza għandha tintbgħat lil-"Leħen il-Punent", Kunsill Lokali l-Għarb



**Ritratt tal-Qoxra:**
Preżentazzjoni ta' l-*E-bikes* bħala parti mill-proġett *Eco Friendly Village.*

• Grazzi lill-isponsors tagħna tal-għajnuna tagħhom matul is-sena.
• Grazzi wkoll imur għall-kontributuri ta' din il-ħarġa.

Issetjat u Stampat:
**InPrintMalta** - Għarb - 7701 6000

## *F'din il-Ħarġa*

4. Messaġġ mis-Sindku

6. Mill-Pinna tal-Kunsilliera

8. Messaġġ mill-Arċipriet u minn Fr Samuel Grech

9. Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'

12. Kulleġġ t'Għawdex – Skola Primarja Għarb

13. Proġetti u Inizjattivi – 2019

15. L-Mitħna tar-Riħ ta' 'Borom' u Mtieħen oħra...

18. Rokna Saħħa – X'Inhi l-Aromaterapija

19. Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb

22. Children's Corner

23. Riċetti minn Liża Frendo

24. Mid-Djarju tal-Kunsill

34. L-Estimi Finanzjarji



# *Messaġġ mis-Sindku*

David Apap
david.apap@gov.mt
79492667

Għeżiż Residenti,

Dan huwa l-ewwel messaġġ tiegħi għal din il-leġislatura u allura huwa bix-xieraq li nwassal messaġġ ta' gratitudni tal-fiduċja li wrejtu fija u fil-grupp Għarb L-Ewwel li taħtu ġejt elett fl-aħħar elezjoni tal-Kunsill f'Mejju li għadda. Il-vot tagħkom wera maturita' fil-politika li hija mportanti u neċessarja għad-demokrazija sabiex kull lokalità, pajjiż u kull ċivilta fid-dinja tilħaqq il-bżonnijiet ta' kulħadd. Bil-mandat tagħkom ingħata eżempju ċar kif anke gruppi ndipendenti jistgħu jkunu suċċess u dan żgur għall-mertu ta' kapaċitajiet u lealtà li dejjem kienet l-punt ta' tluq tiegħi. Dejjem konna sensittivi għall-bżonnijiet tagħkom ilkoll u dan b'dover u lealtà ser nibqgħu nagħmluh bla ebda distinzjoni.

B'entużjażmu u enerġija rridu nkomplu nkunu tagħkom u magħkom, fit-triq u f'darkom biex nassiguraw u niggarantixxu li ħidmitna tkompli ttejjeb lil ħajjitkom, inkomplu nifirxu l-ġid ma' l-erba' irjaħat tal-lokalita'.

Flimkien irridu nibqgħu nitgħallmu u nifhmu l-bżonnijiet tal-lokalita' tagħna u tagħkom sabiex dan nkunu nistgħu nwettquh irridu nkomplu nżommu lilkom fiċ-ċentru ta' ħidmitna. Irridu nkomplu nsaħħu s-sens ta' partenenza fina lkoll lejn raħal twelidna għaliex b'dan il-mod biss nistgħu nissalvagwardjaw dak li jagħmilna nies mill-Għarb.

Fil-lokalita' tagħna tinħass ħafna l-ħidma volontarja li fuqha ssawru ħafna ħidmiet u suċċessi. Dawn is-suċċessi jirrikjedu aktar ħidma, aktar sfidi, aktar attenzjoni sabiex l-ewwel u qabel kollox jinżamm il-momentu tas-suċċess u fl-istess waqt inkomplu nikbru. Għat-tela' t-triq iebsa imma nemmen li flimkien magħqudin nagħmluha ħafna eħfef. Il-perfezzjoni ġġgħalna nitgħallmu mill-iżbalji u ma nieqfux inħarsu lura imma nżommu ħarsitna l-quddiem b'attenzjoni. Nemmen li fil-Kunsill għandna nies mimlija entużjażmu u enerġija sabiex il-ħidma jkollha kontinwita' b'serenita'.

F'dawn l-ewwel xhur ta' din il-leġislatura dan il-Kunsill iddiskuta diversi proposti, ħabbatna l-ideat u komplejna fuq il-ħidma imħolloja mil-leġislatura l-oħra.

Fil-jiem li ġejjin ser nippreżentaw pjan ta' ħidma għal erba' snin u nofs li ġejjin u lil hemm minnhom. Pjan mimli inizjattivi fejn l-enfasi u l-fokus ikun inthom ir-residenti u fuq kollox l-lokalita' tagħna l-Għarb.

Il-ħidma tagħna fl-ewwel xhur ta' din il-leġislatura kienet waħda mpenjattiva fost l-oħrajn b'inizjattivi favur l-ambjent, allura bi tħawwil ta' siġar għal aktar ħajja sagħna, konna viġilanti sabiex inżommu l-postijiet rurali u widien nodfa u bdejna proċess ta' fejn qed naraw cables u wires mhux utilizzati jitneħħew mit-toroq. L-isfidi huma kbar f'dan il-qasam imma determinati li nirbħu dawn l-isfidi.

Komplejna bil-ħidma infrastrutturali, tlesta x-xogħol fuq Triq Dun Alwig Mizzi u Triq San Pietru. Bħalissa qed isiru t-testijiet, lista ta' 'short comes' sabiex dawn ikunu attwati sabiex jinħarġu ċ-ċertifikazzjonijiet mill-perit responsabli u wara jsir il-ħlas. Sadanittant qed ikun pjanat it-tkomplija tax-xogħol fuq Triq Virtut u bidu tax-xogħol fuq Triq Tumas Cassar. L-investiment fuq dawn iż-żewġ toroq ser ikun ilaħħaq l-Ewro330,000 grazzi lill-Ministru għal Għawdex l-Onor Justyne Caruana li tant temmen fina. Fl-aħħar jiem l-Onorevoli Ministru Justyne Caruana tatna għajnuna oħra finanzjarja u ffirmajna kuntratt għat-toroq li tlaħħaq l- Ewro600,000. Fil-programm il-ġdid hemm numru ieħor ta' toroq fil-lokalita' tagħna l-Għarb. Grazzi lill-Onorevoli Justyne Caruana li qed tinvolvina fid-deċiżjonijiet u ppjanar tal-infrastruttura ġewwa l-lokalita' tagħna. L-impenn tal-Onorevoli Justyne Caruana huwa mpenn sabiex tassigura li d-deċiżjonijiet fil-lokalita' tagħna jittieħdu minna. B'dan l-investiment ser inkomplu naraw toroq aħjar u tisbieħ fil-pjazez u sqaqien. Fost it-tisbieħ hemm dak tal-pjazza ta' San Pietru u l-isqaqien tal-madwar.

Fejn jidħol l-immaniġjar tat-traffiku l-Kunsill qed jinvesti u ħareġ seħja sabiex jitfassal pjan ħolistiku għal-lokalita' kollha. Dan għandu jwassal sabiex b'responsabilita' u serjeta nippjanaw aħjar il-parkeġġ, ikkontrollata il-veloċita' fis-sewqan u isir modernizzar u nstallazjoni ta' sinjali ġodda. Qed tkun esplorata l-possibilita' li jitwaħħlu sinjali tat-traffiku eletroniċi sabiex ir-residenti jkunu nfurmati aħjar. Dan għandu jwassal għal aktar sigurta' u kontroll fit-toroq tagħna.

Fil-qasam tat-turiżmu qed inkomplu noħolqu attivita' kontinwa sabiex inkomplu nikkontribwixxu lejn ekonomjia aktar b'saħħitha filwaqt li nħarsu u nirrispettaw l-karattru u tradizzjonijiet tal-lokalita'. Qed inkomplu naħdmu fuq pubblikazzjoni li ser tkun aċċessibli fil-farmhouses u postijiet oħra ta' akkomodazjoni, restoranti u postijiet pubbliċi. Din il-pubblikazzjoni ser tkun tinkludi storja, kalendarju kulturali, skedi ta' servizzi, numri tat-telephone importanti eċċ. Dan mhux biss għaliex fil-preżent qed naħdmu wkoll fuq (APP) applikazzjoni fuq sistema diġitali għall-mobile sabiex permess tagħha l-ewwel u qabel kollox inżommu kuntatt aktar fil-qrib magħkom u mal-viżitaturi.

Fl-qasam tal-agrikultura l-Kunsill fix-xhur li għaddew nieda survey fost il-bdiewa sabiex tkun esplorata għajnuna lill-bdiewa. Kienu ftit dawk li wrew interess. Inħeġġu oħrajn sabiex jersqu il-quddiem. Permess ta' fondi mill-Miżura 4.3 mill-fondi ewropej saru diversi triqat bil-konkos filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ taħt il-Miżura 4.4 mill-fondi ewropej. It-toroq

involuti ser ikunu Trejqet ta' Pawluzzu, Triq Wied ir-Ragħab u parti żgħira fil-Wied ta' Ġulja fejn għadu kif tnaddaf il-wied. Nappella sabiex ma jintremhiex aktar ħmieġ f'dawn il-widien u widien oħra. Għandna servizz li jiġi wara biebkom u jieħu kważi kollox għalhekk inħeġġiġkom biex tagħmlu użu minnu.

Flimkien mall-Ministeru għal Għawdex qed jitħejja arranġament ġdid sabiex jinfetaħ n-Night Shelter fi żmien qasir. Dawk li huma nteressati u jeħtieġu aktar informazzjoni huma mitluba javviċinaw il-Kunsill. Il-postijiet ser jinagħtaw fuq bażi ta' first come first serve l-ewwel li jibbenifikaw dawk l-aktar li jinħassilhom il-bżonn. Applikazzjonijiet uffiċjali ser jinħarġu dalwaqt mill-Ministeru għal Għawdex. Irridu nkunu qrib l-anzjani u nkomplu ninvestu fl-attivitajiet għalihom.

Fil-qasam tal-edukazzjoni qed inkomplu nagħtu s-sapport sħiħ lill-Iskola Primarja u lill-istudenti. Bħal fis-snin l-imgħoddija kienu provduti stationary lit-tfal kollha tal-iskola. Wara li mmodernizzajna parti mill-iskola u waqqafna Creativity hub. Issa mbarkajna fuq xogħol ieħor sabiex nimmodernizzaw il-complimentary u Multi-Sensory room, l-art room u board room u dan sabiex intejbu il-faċilitajiet. Ix-xogħolijiet saru fil-vaganzi tal-Milied sabiex innaqsu mill-inkonvenjent, periklu u ma niddisturbawx lit-tfal. Fil-futur qarib ser jeħlu żewġ tined temporanji sabiex iservu ta' shelter waqt il-ħruġ u dħul.

Fil-faċilita' tal-librerija ta' kull sena nintroduċu kotba ġodda maħsuba għall-etajiet kollha. Fil-librerija għadhom kemm inxtraw sett ta' 3D Visual reality kit sabiex inkomplu nżidu l-opportunitajiet permezz ta' apparat eletroniku.

Fil-qasam tal-familji l-Kunsill huwa mpenjat u għadu kif imbarka fuq proġett sabiex noħolqu ċentru tal-familja minn fejn ser ikunu offruti taħriġ għall-familji speċjalment koppji żgħar, żgħażagħ, tfal u għaqdiet volontarji.

Fejn jidħlu l-Proġetti Ewropej il-Kunsill b'suċċess għadu kif daħal f'Network of Town Twinning ieħor liema proġett ser jagħti l-possibilita' lil residenti sabiex jesploraw pajjiżi oħra sabiex inkomplu nibnu ħbiberiji ġodda u nesponu t-tradizzjonijiet u l-kultura tagħna filwaqt li nitgħallmu minn kulturi oħra. Ma' dan il-proġett qed nesploraw proġetti oħrajn li tagħhom mistenni jkollna riżultati fil-futur qarib.

Komplejna ngħinu lill-għaqdiet volontarji u ħidmithom bis-sħiħ u dan sabiex inkomplu ninkoraġġixxu aktar persuni jissieħbu ma' xi waħda minn dawn l-għaqdiet. Impenjati li nkomplu nagħtu l-għajnuna u naħdmu flimkien sabiex dan il-qasam jibqa' ta' bilħaq wieħed b'saħħtu u benefiċjarju lejn il-lokalita' tagħna.

Fil-qasam tas-saħħa l-Kunsill jibqa' mpenjat li fil-parametri limitati f'dan il-qasam jibqa' jagħti l-input tiegħu u kif kien imwiegħed, wara taħdidiet ma' professjonisti ġie mniedi studju dwar il-mard komuni fil-lokalita' sabiex joħloq aktar għarfien u sensibilita' għas-saħħa individwali. Qed isiru tħejjijiet sabiex jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet li qed isirulu fl-istudju. Fix-xhur li ġejjin mistennija jibdew ukoll xi servizzi oħra ta' counselling grazzi għall-inizjattiva l tal-President tar-Reġjun Dr Samuel Azzopardi.

Fil-qasam tas-sigurta' u l-ordni pubblika qed jittieħdu divesi miżuri. Fost dawn il-miżuri nsibu l-installazjoni ta' CCTV cameras fl-entraturi tal-lokalita'. Bl-introduzzjoni tal-uffiċju tal-Uffiċjali Pubbliċi fejn bdejna noffru servizz ġdid waqt il-ħin tad-duttrina. Dan qed nagħmluh sabiex noffru sigurta' lit-tfal fid-dħul u ħruġ mid-dar tad-duttrina.

Dan is-servizz ser ikun estiż għal waqt il-funerali u tiġijiet ta' ċertu portata u allura jkun jinħtieġ kontroll tat-traffiku.

Dawn kienu biss ftit mill-ħidma li ser ikun qed iwettaq il-Kunsill fil-jiem u fix-xhur li ġejjin.

Għandna raħal mill-isbaħ u b'karattru liema bħalu. U min, jekk mhux aħna l-poplu tal-Għarb, għandna nkunu sorveljanti biex niggarantixxu li l-Għarb jibqa dak li hu.

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jinsab determinat li jkompli jkun proattiv u jimpenja ruħu sabiex ikompli joħloq inizjattivi ta' kwalita` u li jagħmlu ġieħ u jpoġġu fuq quddiem isem il-lokalita`.

Nota ta' apprezzament. Il-ħidma tagħna mal-Ministeru għal Għawdex hija proġett realizzanti u dan grazzi għar-relazzjoni tajba, anzi eċċellenti mal-Ministru għal Għawdex li temmen tant fil-kapaċitajiet tagħna. Grazzi kbira tmur għall-għajnuna finanzjarja u għas-sapport kontinwu straordinarju tal-Onorevoli Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex. Prosit tal-kapaċitajiet sbieħ u tal-impenn bla kundizzjoni favur Għawdex u l-Għawdxin u qed jirnexxielha żżomm ħaj lil Għawdex is-sena kollha minn kull aspett b'attivitajiet li qed joħolqu sens ta' partenenza fost l-Għawdxin kollha.

Jiena flimkien mal-familja tiegħi u sħabi l-kunsilliera nawgurawlkom sena mimlija mħabba, saħħa u ġid.

***Is-Sindku David Apap Agius,***
***Viċi Sindku, Kunsilliera,***
***Segretarju Eżekuttiv***
***u staff jixtiequ***
***s-Sena t-Tajba lil kulħadd***

***The Mayor David Apap Agius,***
***Deputy Mayor, Councillors,***
***Executive Secretary and staff***
***would like to wish everyone***
***a happy New Year***



# Mill-Pinna tal-Kunsilliera



Hello kif inthom? Grazzi talli tellajtuni fil-Kunsill Lokali. B`hekk issa nista’ nkun ta` servizz għalikom. Grazzi wkoll lis-Sindku u lil Miriam li vvutawli biex inkun Viċi Sindku.

Qegħdin fi żmien sabiħ li jien inqisu l-isbaħ żmien tas-sena għax x`hemm isbaħ milli niċċelebraw it-twelid ta` sidna Ġesu` Kristu.

Il-Kunsill obbligat li almenu jiltaqa darba fix-xahar pero` ovjament jiltaqa’ jekk ikun hemm xi emerġenza ta` xi xogħol li jrid isir malajr eċċ. Ġeneralment id-deċiżjonijiet jittieħdu unanimament wara diskussjoni bejn il-ħames membri li aħna.

Il-Kite and Wind Festival kien meravilja. Tkellem fuqu pożittivament mhux Għawdex kollu biss imma anke attira ħafna u ħafna Maltin li ġew bi ħġarhom lejn ir-raħal tagħna. Il-maratona li saret għall-ewwel darba fl-Għarb se tibqa ssir kull sena għax kienet suċċess.

Dawn l-attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi huma mportanti li jsiru minn żmien għal żmien għax minnhom jibbenefikaw ħafna nies. Huwa mportanti u essenzjali li jsiru t-toroq, jinbnew ħitan tas-sejjieħ, inżommu l-Għarb nadif kemm nistgħu imma jekk ma norganizzawx dawn l-attivitajiet li semmejt ma nkunux Kunsill komplut.

Il-Kunsill tagħna, grazzi partikolarment għas-Sindku tiegħu, għandu l-fama li jispikka fuq l-oħrajn. Il-Kunsill tagħna jrid jibqa nnovattiv u ħaj kif inhu ħalli bil-koperazzjoni tagħkom nibqgħu fuq quddiem nett.

Meta kont nagħmel l-house visits qabel l-elezzjoni ta` Mejju ma wegħedt xejn partikolari lil ħadd imma wegħedt li bħala penzjonant għandi l-ħin x`niddedika. Għalhekk taħsbuhiex darbtejn jekk tkunu bżonn is-servizz tiegħi permezz tal-Kunsill. In-numru tal-mobile tiegħi hu 79553747. Grazzi talli sibtu l-ħin taqraw dawn l-erba’ kelmiet li ktibtilkom. Nixtieqilkom is-sena l-ġdida 2020 mill-aqwa.

*Louis Apap*

---



Għeżież Residenti,

Sitt xhur ilu għoġobkom terġgħu teleġuni fil-Kunsill ta’ dan ir-raħal tant għażiż u għal qalbi, u ta’ dan jiena nibqa’ dejjem grat lejkhom. Nibda billi minn qalbi nirringrazzjakom b’umilta’ u sinċerita’ tal-fiduċja li wrejtu fija u nwiegħedkom li nsarrafha f’ħidma sfieqa biex “Insaħħu Raħalna”. Jiena dejjem tgħallimt u emmint f’politika man-nies u qalb in-nies fejn kulħadd għandu jħossu parti minn din is-soċjeta’. Nemmen li flimkien nistgħu nkunu komunita’ li tagħmilna kburin li ngħixu f’dan ir-raħal mimli storja u patrimonju kulturali, li jinsab fil-Punent ta’ din il-Gżira .

Xogħlna fil-Kunsill huwa li nlaħħqu mal-bżonnijiet preżenti tar-residenti, inkunu ta’ wens u sostenn, u ntejbu l-kwalita’ tal-ħajja ta’ kull wieħed u waħda minnha filwaqt li nieħdu ħsieb l-ambjent li ngħixu fih, kif ukoll li jkollna pjan fit-tul b’viżjoni. L-infrastruttura hija suġġett importanti u parti ntegrali fix-xogħol u t-twettiq ġewwa r-raħal fejn f’din il-leġislatura qed jitkompla l-pjan tat-toroq li kienu pendenti. Irridu nassiguraw li dawn isiru fl-ogħla livell ta’ kwalita’ billi dawn it-toroq residenzjali jkollhom infrastruttura pedonali aċċessibli għal kulħadd. Naħdmu bis-sħiħ b’kollaborazzjoni mal-Gvern Ċentrali sabiex niġu mgħejjuna biex naħdmu fuq il-pjan infrastrutturali ġewwa raħalna, fuq sigurta’, ngħinu lis-settur agrikolu, it-trasport u nkomplu nsaħħu t-turiżmu sostenibbli, inizzjattivi oħrajn lejn iż-żgħażagħ b’inċentivi, nassistu lill-anzjani u lir-residenti f’servizzi li diġa jeżistu u oħrajn li nistgħu nintroduċu.

Huwa d-dover tagħna li nippromwovu l-parteċipazzjoni effettiva u tant bżonnjuża fl-attivita’ ta’ raħalna u ħajja aħjar fil-qasam soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv u nagħmlu minn kollox sabiex ħadd ma jkun eskluż biex b’hekk ikollna soċjeta’ b’saħħitha fil-valuri u b’hekk bħala Gvern Lokali nkunu, awtorita’ pubblika viċin in-nies li nirrappreżentaw, billi nkomplu ntejbu s-suċċess u fuq kollox inkomplu nagħmlu d-differenza għall-aħjar.

Aħna bħala residenti ta’ dan ir-raħal għandna nkunu kburin bil-patrimonju kulturali li minn ġenerazzjoni għall-oħra baqa’ jintiret sal-ġurnata tal-lum. Il-kultura hija l-mod ta’ kif ngħixu, il-mod kif nagħmlu l-affarijiet, fehmiet, reliġjon, użanzi, tradizzjoni, folklor, mużika, ikel u arti. Il-Kunsill kontinwament jorganizza attivitajiet kulturali sabiex inżommu ħaj

dan il-wirt ta' missirijietna u ngħadduh għal ta' warajna. Grazzi għal parteċipazzjoni tagħkom dan jimlina b'iktar kuraġġ li norganizzaw attivitajiet kulturali. Illum il-ġurnata għandna attivitajiet li qegħdin fil-kalendarju kulturali nazzjonali u magħhom attivitajiet li jkunu organizzati lokalment. Hu fil-pjan tiegħi li fiż-żmien li ġej inressaq proposti nnovattivi għall-iżjed attivitajiet u li nerġgħu nfakkru l-folklor. Minn hawn nistieden lil kull min jixtieq iressaq l-ideat jew il-proposti sabiex jagħmel dan b'mod liberu ħalli niddiskutuhom u tkunu parteċipi u flimkien.

Nirringrazzja u napprezza mmens u bla qies lill-kumitati u l-voluntieri kollha tal-lokalita' li b'tant sagrifiċċju u b'mod volontarju jaħdmu b'tant dedikazzjoni matul is-sena kollha sabiex iżommu l-attivita' kulturali ħajja. Li kieku ma jkunx għal dawn in-nies huwa mpossibli li jiġu attwati. Inħeġġeġ lil kull min jixtieq jagħti ftit mill-ħin liberu tiegħu sabiex javviċina lil xi wieħed minn dawn il-kumitati. Soċjeta' li jkollha il-valur tal-volontarjat, tkun soċjeta' b'saħħitha.

Ilkoll flimkien niċċelebraw dak kollu li jgħaqqadna bħala raħal wieħed, b'mod li nuru l-idendita' tal-lokalita' u l-karratteristiċi sbieħ li għandna fir-raħal u li jagħmluna uniċi.

Żmien il-Milied u l-bidu ta' sena ġdida, għandhom ikunu żminijiet li fihom wieħed jirrifletti fuq dak li għaddejna minnu matul is-sena u nħarsu 'il quddiem b'pożittivita' għal sena oħra mimlija prospettivita' u xewqat sbieħ.

Issa li wasal dan iż-żmien tant sabiħ tas-sena, minn qalbi nixtieq nawguralkom is-sena l-ġdida mimlija saħħa, hena u mħabba!

*Tonio Mifsud*

---



Għeżież residenti,

Dan huwa l-ewwel messaġġ tiegħi f'din ir-rivista bħala kunsillier. Jien ħadt il-pass li nikkontesta għall-Kunsill Lokali għax għandi għal qalbi r-raħal tal-Għarb. Ma kinitx deċiżjoni diffiċli għax kont determinat li rrid nilħaq dan il-għan. Ta' dan nirringrazzja lir-residenti li emmintu fija. Issa jmiss li naħdem biex ikollna raħal isbaħ u aħjar, kif jixirqilkom. Ir-residenti jagħmlu r-raħal hu dak li hu. Jien nemmen li rridu nibżgħu iżjed għar-raħal tagħna biex inkomplu nżommu isem ir-raħal tagħna 'l fuq. Jien nemmen li lkoll flimkien nistgħu naħdmu aktar biex ikollna post iżjed nadif u magħruf. Ir-riżultati pożittivi mixtieqa jiġu biss jekk ikun hemm ir-rieda bejn kulħadd biex isir dak li hu meħtieġ favur ir-residenti u l-għaqdiet tar-raħal. Ma ninsa qatt il-mandat li ħadt sitt xhur ilu, biex naqdi dmiri f'dan l-irwol għax għalija inthom ir-residenti ħaqqkom prijorità. Din ir-responsabilità qed inġorrha billi fil-laqgħat inressaq talbiet li tagħmluli, ideat li tissuġġeruli u lmenti li jweġġgħukom. Il-ħidma ma tiqafx. Naċċertakom li d-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu żgur għall-ġid tar-residenti. Se nibqa' qrib tagħkom għax il-kariga hekk titlob minni. Irrid li nimpenja iżjed ruħi fis-snin li ġejjin ħalli jkollna raħal aħjar lil hin mill-opportuniżmu. Il-pjanijiet li rridu nwettqu jkomplu jiddefinixxu l-Għarb tal-futur. F'dawn il-jiem tal-Milied u sena ġdida rrid ningħaqad mal-familji, mat-tfal, maż-żgħażagħ, mal-ħaddiema, mal-anzjani u anke l-morda biex nixtiqilkom il-festi t-tajba, hena u ħafna saħħa. Nieħu din l-okkazzjoni biex f'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura l-isbaħ xewqat lir-residenti kollha tal-Għarb. Grazzi u Awguri.

*Joseph Mizzi*

---



Dan huwa l-ewwel messaġġ tiegħi bħala kunsilliera. Nixtieq minn hawn ngħaddi messaġġ lir-residenti tagħna filwaqt li nirringrazzjakom tal-fiduċja li wrejtu fija l-elezzjoni tal-Kunsilli ta' Mejju li għadda. Ta' kull xahar aħna l-kunsiliera flimkien mas-Sindku niltaqgħu għal-laqgħa fejn niddiskutu u nitkellmu dwar inizjattivi u proġetti fir-raħal tagħna. Fil-Kunsill inħossni f'familja oħra. Dak kollu li nagħmlu nagħmluh minn qalbna għall-ġid tar-raħal u tagħkom ir-residenti. Issa li jiena kunsilliera qegħda nara iktar mill-viċin ix-xogħol u r-responsabilita' li ġġib magħha din il-kariga. Deċiżjonijiet, responsabilitajiet, ħafna proġetti nnovattivi li jridu ħafna ħsieb, flimkien ma' numru ta' attivitajiet li ma jieqfu qatt u dan dejjem sabiex inkomplu nġibu l-Għarb 'il quddiem. Nixtieq ngħid grazzi wkoll lill-għaqdiet tar-raħal tagħna tal-ħidma tagħhom matul is-sena kollha. Ix-xogħol ta' dawn in-nies huwa matul is-sena kollha. Il-kumitat tal-festa li dawn ma jieqfu qatt jippreparaw, il-banda li tkompli tikber sena wara oħra u l-kumitat tal-'football' fejn jagħmel ħafna xogħol biex it-tfal tar-raħal tagħna jsibu ħin għall-'football'. L-isport huwa mportanti ħafna mentalment u fiżikament. Dan huwa ċirku ta' għaqdiet li jkompli jagħmel ġid għar-raħal tagħna. Inħeġġeġ lir-residenti tagħna biex ikomplu jkunu preżenti għall-attivitajiet li jsiru matul is-sena għax dan iħeġġeġ iktar lill-voluntiera f'kull qasam biex jorganizzaw iktar attivitajiet.

Minn hawn nixtieq ngħid grazzi lis-Sindku tagħna tal-ħidma kontinwa, tal-mod kif jirnexxielu jgħaqqadna lkoll flimkien sabiex inkomplu intejbu l-lokalita' tagħna l-Għarb. Grazzi tal-fiduċja li wera fija u tar-responsabilitajiet li fdali fost l-oħrajn komunitajiet, familja, żgħażagħ, kura tat-tfal, anzjani u edukazzjoni.

Grazzi wkoll lil sħabi l-kunsilliera li dejjem iddiskutejna b'mod għaqli bl-ewwel interess għar-raħal u l-aħħar u mhux l-inqas lilkom ir-residenti. Grazzi mill-ġdid tas-sapport. Nixtieqilkom is-sena t-tajba.

*Miriam Borg*



Mill-Arċipriet
Trevor Sultana

# IBNI GĦOŻŻ IŻ-ŻMIEN (Sir 4, 20)

Fuq il-kampnar tal-lemin tal-Bażilika tagħna wieħed jista' jilmaħ frażi miktuba mad-disinn ta' arloġġ li hemm fl-istess kampnar. Kien hemm ferm għaqli min ġietu l-idea li jpoġġi dik il-frażi proprju hemmhekk fejn wieħed iħares biex mingħalih jaqra l-ħin u pront pront isib dik il-frażi li tfakkru fis-serjetà taż-żmien li għaddej u li ma jistenna lil ħadd.

F'dan iż-żmien li fih nagħlqu sena u nifthu oħra tajjeb nieqfu nirriflettu ftit fuq din il-frażi mill-Iskrittura Mqaddsa – "Ibni għożż iż-żmien". X'ħin noqgħod naħseb fuqha din il-frażi jista' jkollha interpretazzjonijiet differenti u għalhekk se nagħti tliet sfumaturi ta' din il-frażi bibblika.

1. **Għix il-mument** – il-Latini kellhom proverbju li kien jgħid hekk: *carpe diem!* li jfisser "aħtaf l-okkażjoni" jew inkella "aġixxi issa" u wkoll "għix il-mument". Inħoss li l-bniedem tal-lum bl-għaġla kontinwa tiegħu qiegħed jgħix kontinwament fil-futur. Dejjem ħsiebna xi rridu nagħmlu, fejn irridu mmorru, lil min irridu nkellmu, x'se nakkwistaw u kif se nkun aħjar. U dan inessina l-mument preżenti – x'qegħdin nagħmlu issa, fejn qegħdin issa, lil min għandi quddiemi bħalissa, x'għandi f'idejja llum u x'inhi s-sitwazzjoni preżenti. "Ibni għożż iż-żmien" mela tfisser li għandi ngħożż kull mument tal-ħajja tiegħi u mhux naħraq kontinwament il-preżent biex mingħalija noħloq enerġija għall-futur.
2. **Taħlix żmien** – Żgur li ssaqsi lil min issaqsi jgħidlek "jien m'għandix żmien x'naħli" – u vera! Għax kulħadd għaddej qisu miġnun. Mela "taħlix żmien" hija għajta fl-ajru? Min qed jaħli ż-żmien? Jaħli ż-żmien min ħajtu hija mimlija bl-imbarazz u miskin qed idawwar rota tqila għalxejn għax fil-verità jista' jnaqqas il-piż żejjed tagħha. Jaħli ż-żmien min moħħu biss biex jaħdem u jakkwista u jinsa l-affarijiet essenzjali tal-ħajja – il-familja, ir-relazzjoni m'Alla, il-mistrieħ. Jaħli ż-żmien min dejjem għaddej minn proġett għall-ieħor bla ma għandu ċans japprezza s-sbuħija ta' ħajtu. Mela "taħlix żmien" tgħodd l-iktar għal dawk li apparentament għandhom ħafna x'jagħmlu!
3. **Aħseb f'Alla u fl-eternità** – Il-frażi "Ibni għożż iż-żmien" hija parti minn test sagru u allura għandha bħala skop li twasslilna messaġġ dwar Alla. F'dan il-kuntest ta' fidi "Ibni għożż iż-żmien" tfisser li l-ħin tagħna għandna noffruh lill-Mulej. Tfisser li ż-żmien għaddej u l-mument li fih se niltaqa' mal-Ħallieq tiegħi qiegħed dejjem joqrob. Tfisser li għandi noqgħod attent kif ngħaddi l-ħin tiegħi u fuq il-parir ta' tant Qaddisin nistaqsi: dan li qed nagħmel issa x'se jiswieli għall-eternità? Fl-aħħarnett tfisser li ż-żmien ta' issa se jkun indikazzjoni ċara ta' kif se ngħix l-eternità tiegħi.

L-awgurju tiegħi għal dan iż-żmien ta' festi huwa li fost il-ġenn maħluq mill-materjaliżmu u l-konsumeriżmu aħna nibqgħu ngħożżu ż-żmien, nibqgħu ngħożżu s-sbuħija tal-mument preżenti fis-sempliċità kollha tiegħu u jalla ż-żmien ġdid li se nibdew b'sena ġdida jirnexxielna ngħożżuh bħala pass ieħor importanti fil-mixja ta' ħajjitna. Awguri!

Fr Samuel Grech



Bil-għajnuna t'Alla qegħdin intemmu sena oħra. Huwa mument li fih nirringrazzjaw lil Alla għal kull m'għamel magħna matul din is-sena li qed tintemm, filwaqt li nafdawlu sena oħra. Ma jfissirx li matul din is-sena kollox kien perfett, u li s-sena li ġejja mhix se toffrilna diffikultajiet. Imma aħna nemmnu li jekk aħna nserrħu fuq Alla li jista' kollox, allura t-tama tagħna ma tistax tiġi nieqsa.

Matul din is-sena komplejna bil-ħidma tagħna b'risq it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fi ħdan iċ-Ċentru Parrokkjali, bil-għan li nkomplu ngħinuhom sabiex jikbru umanament u spiritwalment. Apparti l-laqgħat li jsiru b'mod regolari, kellna bosta attivitajiet sbieħ, fosthom irrid insemmi ż-żewġ esperjenzi ta' volontarjat li ż-żgħażagħ tagħna wettqu matul is-Sajf li għadda fil-parroċċa ta' Dun Manwel Cutajar fl-Albanija u mas-sorijiet ta' Madre Tereża ġewwa Edinburgh fl-Iskozja. Kienu żewġ esperjenzi li għenu liż-żgħażagħ jifhmu t-tifsira ta' x'jiġifieri taqdi lil Kristu fil-persuni ta' dawk li huma inqas ixxurtjati minnha.

Inħarsu 'l quddiem għal sena oħra ta' formazzjoni fi ħdan iċ-Ċentru Parrokkjali, sabiex din l-istruttura tibqa' sservi ta' ġid għall-komunità parrokkjali tagħna.

Fl-aħħarnett ninqeda b'dan il-messaġġ biex nawgura minn qalbi l-isbaħ xewqat lill-membri kollha tal-komunità tagħna tal-Għarb għal dan iż-żmien ta' festi. J'Alla jkunu jiem li ngħixuhom b'fidi ħajja u b'radd ta' ħajr lejn Alla li sar bniedem għalina.

Tkunu mberkin

# *Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'*



**Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permess ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalita'. Hawn taħt qed jiġu ppublikati l-messaġġi li l-Kunsill irċieva mingħand l-għaqdiet.**

## *Leġjun ta' Marija*

Għall-darba oħra, l-Leġjun ta' Marija fl-Għarb jixtieq jaqsam mal-qarrejja ta' 'Leħen il-Punent' xi ħsibijiet dwar dawn il-jiem tal-Milied.

Jingħad li l-ewwel presepju ħaj, bħala tifkira tat-twelid ta' Ġesu, kien sar f'Diċembru tas-sena 1223 fi Greccio, l-Italja. San Franġisk ta' Assisi kien talab lil wieħed ħabib tiegħu biex jisilfu għar bil-bhejjem u t-tiben ħalli jiċċelebra t-twelid ta' Ġesu', għeri u fqir kif kien dak in-nhar f'Bethlehem.

San Franġisk ried igħin lill-Insara ta' żmienu jifhmu xi ftit x'kien ifisser it-twelid ta' Ġesu'. W'għalhekk ried ifakkar lill-Insara kemm l-Iben t'Alla kien lest jiċċekken biex isalvana. Il-Kelma ta' Alla, li żmien qabel kienet twasslitilna mill-profeti, saret Bniedem.

San Ġorġ Preca wkoll kellu ferm għal qalbu it-tifkira ta' meta l-Kelma t'Alla saret Bniedem. Niftakru tajjeb kemm kien ixerred id-devozzjoni lejn il-kliem 'Verbum Dei Caro Factum Est'. Huwa minħabba l-ħeġġa li kellu San Ġorġ Preca lejn it-tifsira vera tal-Miled li ma' Malta u Għawdex f'dawn il-jiem ikollna tant purċissjonijiet b'Ġesu' Bambin.

Nagħmlu tajjeb li f'dawn il-jiem nifirħu, nżejnu u niċċelebraw. Iżda tajjeb li qatt ma ninsew it-tifsira vera tal-Milied. Xieraq ukoll li f'dawn il-jiem nibagħatu kartolina lil ħbiebna u lil qrabatna. Iżda, ta' Nsara li aħna, ikun iktar xieraq li nagħżlu kartolina bi xbieħa tal-Bambin Ġesu'.

Il-Leġjun ta' Marija jixtieq is-Sena t-Tajba lin-nies kollha tal-Għarb u lil dawk kollha li, min għal ftit jiem u min għal żmien itwal, jogħoġobhom jiġu joqgħodu f'dan ir-raħal żgħir tagħna.

## *Azzjoni Kattolika*

**Bernardette Vella**

Ta' kull sena l-Kunsill jiddedika paġna lill-għaqdiet lokali fir-rivista "Leħen il-Punent" biex iwasslu l-messaġġ tagħhom. Jien f'isem l-Azzjoni Kattolika ġejt mitluba nagħmel dan. Għall-ewwel ma tkunx taf fuq x'hiex ħa taqbad tikteb, iddeċidejt li nikteb fuq il-"Biża" li żgur xi ftit jew wisq kulħadd maħkum minnha min f'ħaġa u min f'oħra.

Fil-ktieb "The Magic of Thinking Big" hemm kapitlu jismu "Build Confidence and Destroy Fear". Jgħid hekk li l-biża jżomm lil persuna milli taħtaf opportunita'..... jmarrad in-nies.... iqassarlek ħajtek u jġgħalek tagħlaq ħalqek meta trid titkellem. X'inhi l-kura għal dan il-biża? "Action Cures Fear" mela mhux naħrab imma nipprattika dik l-azzjoni li għandha x'taqsam ma' dik il-biża. Nikkontrollaw moħħna, inkunu pożittivi. Moħħna huwa bank u skont x'niddepositaw fih jgħodd.

Imbagħad iġġib eżempji prattiċi biex nirbħu l-kunfidenza.

Be a front seater.... Practise making eye contact.... Walk 25% faster.... Practise speaking up..... Smile Big huma ftit mill-eżempji prattiċi li wieħed għandu jagħmel.

Ikollna nammettu li l-biża hija "A Powerful force" li jżomm lil dak li jkun milli jixtieq fil-ħajja. Ix-xewqa hija l-ewwel pass u warajha tiġi l-azzjoni.

Minn hawn hekk nixtieq is-sena t-tajba lil kulħadd mimlija kuraġġ u mingħajr biża ħalli nkomplu naħdmu għall-ġid tar-raħal tagħna.

## *Għaqda tan-nar 31 ta’ Mejju AD2013*



Din hi t-tieni darba mill-festa l’hawn li qed niktbu lir-residenti tar-raħal tagħna. L-ewwel darba fuq stedina ta’ l-arċipriet biex jinħareġ ir-rendikont tal-festa li għaddiet u din id-darba mill-leġislatura l-ġdida tal-Kunsill Lokali. Nammettu li din għalina tfisser ħafna, u nirringrazzjawhom.

L-akbar avveniment li l-għaqda tagħna kellha mill-festa l’hawn bla dubju kienet il-festa ta’ San Dimitri. Il-Kunsill ma’ din il-festa żewweġ il-kite festival u minn festa li kif nafuha aħna, jiġifieri quddiesa, ftit tiri tal-bomba u ħuġġieġa li rrid ngħid fi tfulitna kienet tkun sfortunatament bit-tyres u bottijiet tal-flitt saret attivita’ li tiġbet nies minn kull naħħa ta’ Malta u Għawdex. Ta’ dan żgur irridu nirringrazzjaw lill-Kunsill għax il-kumitat tal-festa b’li jorganizza f’San Dimitri mar tajjeb ħafna grazzi għall-ammont ta’ nies li kkonkorrew bi ħġarhom. Xejn ma jiġi b’kumbinazzjoni. Suċċess bħal dan ingredjent wieħed importanti biss jkollu; L-GĦAQDA. Deher ċar ħafna li jekk l-għaqdiet u l-Kunsill u viċi versa jwarrbu d-differenzi ta’ bejniethom jistgħu jsiru affarijiet kbar avolja r-raħal tagħna huwa żgħir. Nippruvaw inżommu dan il-pass. Wara kollox għan wieħed għandna, li naraw ir-raħal tagħna aħjar.

Filwaqt li nsellu għal kulħadd u nawguraw minn qalbna ħidma fejjieda lill-Kunsill Lokali l-ġdid, nawguraw is-sena t-tajba lin-nies kollha ta’ l-Għarb.

Mario Farrugia - President • Michael Caruana - Segretarju • Daniel Brooke - Kaxxier

## *Għarb Rangers F.C.*

**Susan Zammit - Segretarja**

Għeżież qarrejja,

Għal sena oħra ġejna mogħtija spazju f’dan il-fuljett biex inwasslu l-messaġġ tagħna. L-isport huwa fundamentali ħafna fil-ħajja ta’ kuljum u filfatt il-kumitat tal-Għarb Rangers FC jagħmel ħidma kontinwa biex l-isport ġewwa r-raħal tagħna ma jisfaxxix speċjalment dak tal-futbol. Dan jagħmlu għaliex jemmen fil-kapaċitajiet li t-tfal tar-raħal tagħna jistgħu joffru.

Din is-sena, Għarb Rangers FC ingħaqdu flimkien ma’ St. Lawrence Spurs u Żebbuġ Rovers fejn flimkien ħolqu Akkademja Sportiva għaż-żgħar immexxiha minn kowċis kwalifikati u b’hekk in-namra lejn dan l-isport tibqa’ tikber fost iċ-ckejknin tagħna. Għandna numru sabiħ ta’ tfal li diġà qegħdin jattendu din l-akkademja u hu ta’ sodisfazzjon kbir tara l-frott wara ħafna xogħol.

Madanakollu l-faċilitajiet li għandna ma jintużawx għal skop ta’ futbol biss però huma miftuħa għal kull tip ta’ attività sportiva oħra. Ta’ min isemmi li l-grawnd jintuża frekwenti mill-iskola Primarja tal-Għarb stess għal attivitajiet li jsiru lill-istudenti, attivitajiet oħra organizzati mill-Kunsill Lokali, taħriġ kuljum mit-timijiet il-kbar u jsiru wkoll ammont kbir ta’ logħob tal-futbol mit-tfal żgħar ta’ irħula oħra.

Intant filwaqt li nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsill Lokali tal-għajnuna kontinwa lejn il-Klabb tagħna, f’isem il-kumitat nixtieq nawgura s-sena ġdida mimlija ferħ, saħħa u suċċess.

## *Għaqda Mużikali Viżitazzjoni*

**Adrian Formosa** – Segretarju

Għeżież Qarrejja,



Qed niktbilkom kelmtejn f’isem il-kumitat tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. L-għaqda tagħna kompliet tkun protagonista f’raħalna u qed tibqa’ tkun hemm dejjem. Dan kemm fil-qasam kulturali, kemm f’dak edukattiv u kif ukoll f’dak soċjali. Bil-limitazzjonijiet tagħha, l-għaqda għamlet li setgħet biex tagħti s-servizz tagħha. Tul dawn l-aħħar snin l-għaqda ma kellhiex sitwazzjoni finanzjarja tajba peress li kien qed isir l-investiment fin-*night shelter* li bnejna fuq il-biċċa ta’ wara tal-każin. Barra minn hekk, bqajna għaddejjin bil-ħidma tagħna. Bqajna noffru servizzi mużikali u organizzajna attivitajiet kulturali biex inkabbru isem raħalna. F’Novembru tas-sena 2018 lestejna l-każin li kien jinkludi n-*night shelter* għall-anzjani. Sadanittant konna qed nistennew li l-operatur jibda jħaddem dan il-post li jinkludi wkoll ċentru għal matul il-jum. Jidher li issa wasalna, u l-operatur, li hu l-Gvern, ikun jista’ jibda jħaddem dan il-post u aħna nkunu nistgħu nħallsu l-ispejjeż li għamilna biex nagħtu dan is-servizz.

Imma issa rridu niffukaw fuq proġetti oħra futuri. Irridu li jkollna struttura mużikali li tkun fost l-aqwa

f'pajjiżna. Din hi sfida kbira, speċjalment meta tara d-daqs tal-komunità tagħna u l-aljenazzjonijiet li hawn f'dawn iż-żminijiet. Nemmnu li l-mużika hi attività li apparti li tagħti gost lil min idoqqha u jismagħha, hi ċ-ċavetta li tiftaħ iktar l-imħuħ. Dan ma ngħiduhx aħna imma jgħiduh diversi studji xjentifiċi internazzjonali.

Bħalma qed taraw, il-banda mhix sempliċement entità organizzattiva imma organizzazzjoni li qed tibni identità għal raħalna. Identità li hi bbażata fuq il-kultura, edukazzjoni u bżulija.

Matul is-sena li ġejja ser inniedu diversi proġetti oħra. Nibda bil-proġett tal-pittura tas-saqaf tas-sala tal-każin. Din hi sala li hi x-*show case* ta' raħalna. Sala li fiha nilqgħu lill-mistiedna ta raħalna, dinjitarji u Presidenti. Għalkemm din is-sala diġà hi sabiħa ħafna u hi armata kif għandha tkun, għad jonqosha xi affarijet biex tkun tista' titlesta skont id-disinn tad-diżinjatur Paul Stellini. Għad jonqos il-kurduna tal-injam mad-dawra kollha, il-mirja u l-pittura tas-saqaf. Għal din diġà għandna abbozz u hi stmata li ser tiswa mal-għaxart elef ewro. Diġà hemm donazzjonijiet għal din il-pittura u għalhekk, ser inkomplu minnha. Hawn ngħid grazzi lill-ewwel donatur ta' dan il-proġett, is-Sur Joe Mizzi li joqgħod Sydney, imma jkun magħna fl-Għarb għal perjodu twil ta' żmien ta' kull sena. Żgur li ismu ser jitnaqqax mal-bqija tal-benefatturi tas-sala ta' raħalna fuq il-plakka li beħsiebna nagħmlu meta tkun lesta. Hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni biex inħeġġeġ benefatturi oħra li jixtiequ jikkontribwixxu għal dan il-proġett li ser ikun il-ġawhra ta' raħalna li jitgawda minn kulħadd is-sena kollha.

Il-lat organizzattiv ta' din l-għaqda kien impenjattiv ħafna matul din is-sena u hawn nixtieq nirringrazzja lil għadd ta' voluntiera li ħadmu qatigħ. Minkejja d-diffikultajiet kollha kellna sena ta' suċċess bħala banda. Grazzi għall-bandisti, għas-Surmast u l-Assistent tiegħu. Grazzi lill-kumitat tax-xogħol kollu li sar u li għad irridu nagħmlu. Grazzi kbira tmur ukoll lill-President tal-għaqda tagħna tal-enerġija li jagħtina. Grazzi lill-Arċipriet u lid-Direttur Spiritwali tal-kooperazzjoni u l-ħidma b'risq din l-għaqda. Fuq kollox grazzi lit-tesserati u lil benefatturi oħra. Kieku ma jkunx hemm inthom aħna ma nkunux nistgħu naħdmu biex inkomplu nkabbru l-festa permezz tal-banda u nkomplu nagħmlu x-xogħol kollu li semmejt hawn fuq. Grazzi. Is-Sena t-Tajba!

## *Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni*

**Leonard Spiteri** – Segretarju

Ħbieb, għal darb'oħra qed nerġa nikteb dan id-daqsxejn ta' messaġġ f'isem il-Kumitat Festi Esterni tal-Viżitazzjoni fuq din ir-rivista annwali li joħroġ il-Kunsill Lokali f'dan iż-żmien sabiħ tas-sena. Żmien li jgħaqqadna lkoll flimkien biex niċċelebraw it-twelid ta' Kristu il-Feddej. Dan iż-żmien ifakkarna wkoll li nkunu qegħdin nofs triq biex nerġgħu niċċelebraw il-festa titulari tal-Viżitazzjoni fl-ewwel Ħadd ta' Lulju. Frott l-għaqda ta' bejnietna, ix-xogħol minn wara kwinti u l-imħabba li għandna lkoll kemm aħna lejn il-Viżitazzjoni ċċelebrajna festa kbira u dinjituża f'Lulju li għadda. Kollox irnexxa kif kien pjanat! Ix-xogħol biex tiċċelebra festa bħal tagħna jirrikjedi ħafna u ħafna ħin il' bogħod mill-familja u aktar u aktar fiż-żmien tal-lum festa tirrikjedi il-finanżi. Għall-grazzja t'Alla dawn it-tnejn qatt ma naqsu fir-raħal tagħna. Min hawn nirringrazzja lilkom tas-sostenn tagħkom matul is-sena. Dis-sena saret l-inawgurazzjoni tal-planċier tal-pjazza wara sentejn sħaħ ta' restawr. Dan ix-xogħol sar kollu mill-Għaqda tal-Armar Festa tal-Viżitazzjoni. B'hekk nistgħu ngħidu li bil-mod il-mod l-armar kollu tal-pjazza ser ikun ġie rrestawrat fi ftit snin. F'jum id-dimostrazzjoni wkoll inħaraq show pirotekniku minn fuq il-bjut sinkronizzat mal-mużika. Dan ix-xogħol kollu sar mill-Għaqda tan-nar 31 ta' Mejju. Nirringrazzja lill-membri kollha taż-żewġ għaqdiet tas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena.

Wara l-festa li għaddiet l-Għaqda tal-Armar bdiet il-ħidma fuq il-pedestal ewlieni tal-pjazza, fejn l-qafas kollu qed jinħadem mill-ġdid. L-iskultura tal-injam inqalgħet b'reqqa biex terġa titwaħħal mill-ġdid u fl-istess waqt tiġi rrestawratha. Ix-xogħol li qed isir, ser ikun qed isaħħaħ il-pedestal speċjalment għal waqt it-tlugħ tal-vara f'jum id-dimostrazzjoni tal-Ġimgħa. Ħa nerġa nagħmel appell bħalma kont għamilt sentejn ilu meta bdejna nirrestawraw il-planċier. Biex isir xogħol bħalma semmejt u biex nibżgħu għal dak kollu li batew għalih missirijietna, trid il-finanzi għax l-ispejjeż huma kbar. Għal dan il-proġett nedejna skema simili għal dik tal-planċier. Jekk tixtiequ tgħinu kellmu lil xi membru tal-kumitat tal-fiduċja tagħkom. Konvint li ser insibukom warajna bħas-snin l-imgħoddija.

Rigward attivitajiet nista' ngħid li kull attivita' li qed nagħmlu qegħda tkun suċċess. F'Ottubru li għadda kellna il-fiera festa ta San Dimitri li kienet suċċess għal sena oħra. Ħdimna id f'id mall-Kunsill Lokali u nħarsu 'l-quddiem għall-aktar ħidma flimkien b'risq il-festa u b'risq raħalna. Inħeġġeġ lil dawk li qatt ma attendew biex jibdew jattendu, għax filwaqt li tieklu ikel bnin tkunu qegħdin tgħinuna finanzjarjament.

Nagħlaq dan id-daqsxejn ta' messaġġ billi nawgura is- sena l-ġdida mimlija paċi, għaqda u mħabba.

# Kulleġġ t'Għawdex Skola Primarja Għarb

GOZO COLLEGE
GHARB PRIMARY

Grazzi lill-Kunsill Lokali tal-opportunita' biex ngħaddi l-messaġġ tiegħi f'dan il-fuljett. Għal sena oħra kellna sena mimlija suċċessi. Matul is-sena skolastika, grazzi lill-Kunsill Lokali, infetaħ fl-iskola tagħna ċentru Kreattiv. Dan iċ-ċentru, iffinanzajt minn fondi reġjonali, mhux biss sebbaħ l-ambjent tal-iskola, imma ukoll huwa ċentru innovativ ta' tagħlim. Dan huwa l-ewwel wieħed tax-xorti tiegħu fl-iskejjel Primarji. Insemmi wkoll li grazzi għal dan il-proġett kmamar li kienu abbandunati u mimlijia imbarazz ġew imbattla u minflok issa l-istudenti tagħna jistgħu jużaw dan l-ispazju għat-tagħlim. Il-proġett qed jitkompla u aktar kmamar qed jiġu rinovati u attrezzati bl-aħjar teknoloġija.





Għal sena oħra, l-iskola tagħna reġgħet kienet protagonista assoluta fil-kompetizzjoni internazzjoniali tas-SuperTmatik Mental Maths Challenge. Din il-kompetizzjoni annwali tal-Matematika hija għal tfal bejn is-6 u l-15 –il sena, fejn l-istudenti jikkompetu f'kategoriji differenti skont l-eta' tagħhom. Din il-kompetizzjoni tippromwovi interess fil-ħila mentali u tagħti opportunita' oħra lit-tfal li jitgħallmu permezz tal-logħob.

Prosit kbira tmur lill-istudenti kollha li pparteċipaw f'4 kategoriji differenti. L-ambaxxaturi tal-iskola tal-Għarb ġabu riżultati ferm sodisfaċenti fejn bil-għajnuna tal-għalliema u l-ġenituri tagħhom kitbu storja oħra li tagħmel lil din l-iskola kburija, wara li tejbu r-riżultati li kisbu fis-sena preċedenti. Ix-xogħol siewi wassal biex dawn l-ambaxxaturi kisbu l-ewwel post minn fost 18,760 parteċipant fit – 2 Kategorija permezz ta' Leo Buccheri, kif ukoll ġabu t-3 u d-9 post fl-istess kategorija permezz ta' Julia Haber u Aiden Zammit rispettivament. Fit-3 Kategorija, Julia Cini kisbet l-ewwel post minn fost 25,690 parteċipant, filwaqt li Matthew Aquilina u Julian Xuereb kisbu t-2 u d-9 post rispettivament fil-kategorija tagħhom. Is-suċċess tal-istudenti tagħna jagħmilna ferm kburin u jagħtina aktar ħeġġa biex naħdmu aktar għal ġid ta' kull student.

Ta' kull sena l-iskola tinvesti f'diversi risorsi li jgħinu fit-tagħlim, waqt li tingħata ħafna mportanza lit-tagħlim akkademiku b'enfasi speċjali fuq il-qari, l-kitba u l-matematika. Importanti wkoll l-attivitajiet extra kurrikulari li mhux biss huma ta' pjaċir imma ukoll jgħinu aktar fit-tagħlim.

Grazzi kbira lill-għalliema mill-aktar dedikati u staff li jaħdem bla heda għall-ġid ta' kull tifel u tifla. Nieħu din l-okkażjoni biex f'isem l-School Leadership Team (SLT), l-istaff u l-istudenti nawgura sena ġdida mimlija risq u hena lill-komunita' kollha.

***Marthese Attard*** - Kap tal-Iskola

JOSEPHCARUANA®
COMPANY LIMITED

# PROĠETTI U INIZJATTIVI - 2019

**Xogħolijiet fit-Toroq** – Matul l-2019 il-Kunsill kompla bil-programm tiegħu ta' xogħolijiet fuq it-toroq tal-lokalita' li kienu parti mill-**Public Private Partnership**. Dawn ix-xogħolijiet inkludew it-tieni wiċċ tat-tarmak fuq Triq Dun Alwiġ Mizzi u Triq San Pietru.

**Xogħolijiet iffinanzjati mill-Ministeru għal Għawdex -** Fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali l-Għarb u bl-għajnuna ta' fondi mill-Ministeru għal Għawdex saru xogħolijiet ta' wiċċ ġdid lill-isqaq numru 3 fi Triq Frangisk Portelli u fuq Triq Madonna tal-Virtut li fost oħrajn inkludew bdil ta' servizzi u kostruzzjoni ta' *water culvert*.

**Proġett M4.3 – Toroq ġodda** - Matul is-sena 2018, il-Kunsill irnexxielu jikseb fondi Rurali sabiex żewġ toroq mil-lokalita' jingħatalhom wiċċ ġdid bis-siment. It-toroq imsemmija huma t-triq li mill-Kappella ta' San Dimitri tgħaqqad għal Triq Trux kif ukoll passaġġ li minn Triq Felic Grech iwasslek għal Sqaq ta' Pawluzzu f'San Lawrenz. Dawn it-toroq ġew finalizzati aktar kmieni fis-sena 2019.



**Proġett – Network of Twinned Towns 'Old Towns New Results 2018-2019 -** Il-Kunsill issieħeb f'proġett taħt in-Network of Twinned Towns bil-proġett 'Old Town New Results'. F'dan il-proġett flimkien mall-Kunsill Lokali l-Għarb kien hemm bħala partners, Romania, Spanja, Portugal, Grecja, l-Italja u Slovenia. F'April ingħaqdu magħna l-partners ġewwa l-lokalita' tal-Għarb fejn saru taħdidiet u konferenzi bejn il-partners sabiex itejbu l-lokalitajiet u jaqsmu l-idejat.

Dan Huwa Parti Mill-Proġett Tal-Ġemellaġġ — KUNSILL LOKALI TA L-GĦARB

**Make Music Great – Tielet Edizzjoni -** Bejn t-23 u l-24 ta' Novembru 2019, ġie mtella' t-tielet edizzjonji tal-Festival tal-Baned bl-isem 'Make Music Great'. Għalkemm din is-sena t-temp ma tantx ippermetta u l-programm ma setax isir kif pjanat, il-festival xorta waħda seħħ. Din is-sena kellna fostna Banda minn Spanja – Gaitax Manxadoira bħala mistiedna speċjali fejn flimkien mal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni tellgħu programm mużikali. Kellna wkoll lil Bernard Curmi (Puse') fejn ta xow spettakolari bil-vjolin akkumpanjat mill-pjanist Daniel Zak Borg ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali.

**International Kite Festival -** Bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru, l-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u b'fondi miksuba taħt skema kulturali mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali tella' it-tieni edizzjoni tal-'International Kite Festival' ġewwa l-lokalita' tagħna, l-Għarb. Din is-sena dan il-festival kompla jikber fejn għall-ewwel darba saret attrazzjoni bil-kites fi Triq il-Knisja. Il-Festival ta bidu minn ġewwa l-grawnd tal-futbol fi Triq Tumas Cassar fejn diversi studenti minn bosta skejjel attendew għall-workshops tal-kites. Filgħaxija sar il-ftuħ uffiċjali tal-festival ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna fejn kien hemm ukoll introduzzjoni tal-parteċipanti internazzjonali. Din is-sena kellna madwar 60 parteċipant internazzjonali. Il-Festival tkompla is-Sibt u l-Ħadd minn ġewwa l-limiti ta' San Dimitri fejn numru kbir ta' viżitaturi kemm lokali kif ukoll barranin, kbar u żgħar attendew bi ħġarhom għal dan l-ispettaklu ta' tajr ta' kull tip u għamla mill-isbaħ.



**Festival Myths, Folklore and Legends Festival - Opra – F'Baħar ta' Kwiekeb -** Għat-tieni sena konsekuttiva ttellgħet opra fil-beraħ ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna, l-Għarb. B'tant impenn u b'għajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill ingħaqqad ma' l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni sabiex tittella' din l-Opra. L-Opra F'Baħar ta' Kwiekeb hija opra oriġinali,

b'kitba ta' Sebastian Saliba u mużika ta' Mro Raymond Sciberras. Direttur mużikali Mro Jason Camilleri, direzzjoni tal-vuċijiet is-Sinjura Mariella Spiteri Cefai u direzzjoni artistika tas-Sur Jamie Camilleri filwaqt li l-kordinament kien f'idejn is-Sur Marvin Grech. Atturi prinċipali Neville Refalo fl-rwol ta' Missier, Jael Said bħala l-bint, Laurent Bishop abbati u Charles Vincenti fil-parti tas-saċerdot. Il-kor għal darba oħra kien wieħed eċċellenti u magħżul. Ħadu sehem ukoll żeffiena bil-koreografija ta' Christabel Bajada. Il-Pjazza nbiddlet f'teatru mill-isbaħ u l-udjenza numeruża setghet tgawdi minn atmosfera unika tal-opra fil-beraħ.



**Ċentru ta' Kreattivita' -** Nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju, 2019 ġie inawgurat proġett - "Ċentru ta' Kreattivita'" kif ukoll Gym mgħammar b'tagħmir sportiv mill-President tar-Reġjun Għawdex Samuel Azzopardi flimkien mall-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Justyne Caruana u mas-Sindku David Apap u Kunsilliera. Dan wara li l-Kunsill Lokali l-Għarb b'tant dedikazzjoni ppreżenta applikazzjoni taħt il-fondi "Community Innovation Funds", mir-Reġjun t'Għawdex bil-proġett "Ċentru ta' Kreattivita'". Din l-applikazzjoni ġiet milqugħha u l-Kunsill ingħata €120,000 fejn wettaq xogħolijiet innovattivi li jinkludu laboratorju – l-ewwel wieħed ġewwa Għawdex li ser jitgawda mill-istudenti tal-iskejjel primarja biex jimxu 'l quddiem fix-xjenza bil-programm STEAM (Xjenza, Inġenjerija teknoloġika, Arti u Matematika), inxtrat 3D body scanner li hi wkoll l-ewwel waħda ta' din ix-xorta ġewwa Għawdex u ħa jkun ukoll mgħammar b'għodda u makkinarju biex jintuża mill-pubbliku għall-kreazzjoni ta' diversi oġġetti. Waqt din l-attivita' saru diskorsi tal-okkażjoni mis-Sindku David Apap, President tar-Reġjun t'Għawdex Samuel Azzopardi, Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Justyne Caruana, Direttur tal-Kunsill Lokali Marisa Pisani u mis-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali Silvio Parnis. Saru wkoll interventi ta' żfin u qari ta' poeżija mill-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Għarb. Din l-attivita' ntemmet b'riċeviment għal dawk kollha preżenti.

**Fly To Smile** – Għall-ewwel darba f'Malta u Għawdex, il-Kunsill tal-Għarb organizza attivita' bl-isem 'Fly to Smile' bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex. Waqt din l-attivita' ir-residenti u oħrajn magħhom kellhom l-opportunita' biex ikollhom esperjenza unika u jtiru fuq il-Hot Air Balloon.

**Proġett taħt il-Miżuri Permanenti tal-Mobilita' Sostenibbli** - Fl-2018 il-Kunsill Lokali l-Għarb ingħata €30,000 taħt il-proġett – Miżuri Permanenti tal-Mobilita' Sostenibbli. Dan il-proġett jagħmel parti mill-ħidma ta' Trasport Malta fil-Ġimgha Ewropeja għall-Mobilita'. Il-Kunsill għażel li jieħu din l-inizjattiva sabiex fil-lokalita' titqajjem aktar kuxjenza dwar l-importanza li jitnaqqas l-użu ta' vetturi u makkinarju ieħor li jniġġes u jagħmel ħsara lill-ambjent tal-madwar u minnflok jagħżlu trasportazzjoni ekoloġika. Bħala parti mill-European Mobility Week 2018 sar survey lil żgħażagħ mil-lokalita' tal-Għarb u bosta wrew ix-xewqa li jibbenefikaw minn din l-iskema. F'Mejju 2019 iż-żgħażagħ flimkien mall-ġenituri kienu mistiedna għal-laqgħa ġewwa l-Kunsill tal-Għarb sabiex jiġu ffirmati kuntratti u jingħataw *vouchers* biex ikunu jistgħu jakkwistaw mutur tal-elettriku. F'Settembru 2019 dawn iż-żgħażagħ ġew mogħtija lezzjonijiet ta' kif għandek tuża dan il-mutur b'mod responsabbli u ftit tal-ġranet wara saret il-preżentazzjoni ta' dawn il-muturi liż-żgħażagħ mill-Ministru għal Għawdex flimkien mas-Sindku David Apap u Kunsilliera.



# L-Mitħna Tar-Riħ ta' "Borom" u Mtieħen oħra tar-Riħ li għamlu użu minnhom il-Bdiewa tal-Għarb

**Joseph Galea**

Il-Popolazzjoni tal-Għarb li kienet fil-maġġoranza tagħha nies tar-raba kienu jiżirgħu l-qamħ u x-xgħir li mbagħad riedu jintaħnu biex jipproduċu it-tqieq tal-qamħ u tal-maħlut (qamħ u xgħir). Fis-seklu tmintax u l-parti l-kbira tas-seklu dsatax in-nies kienu jinqdew bil-mitħna li kien hemm fi sqaq fi Triq l-Għarb ftit qabel ma taqbad ir-raħal tal-Għarb f'post imsejjaħ San Niklaw. Il-Kunsill tal-Ordni fil-laqgħa tal-31 t'Awwissu 1724 ddeċieda li jibni din il-mitħna mil-Fondazzjoni tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena u l-qliegħ minnha kellu jmur għall-manutenzjoni tal-Forti Manuel.[1] Din il-mitħna kienet l-ewwel waħda minn tlieta li nbnew Għawdex mil-Fondazzjoni Vilhena (Figura 1). Ġiet mikrija lil Anġlu Zahra fl-1 t'Awwissu 1731 għal-4 snin.[2]



*Figura 1. Pjanta proposta mil-Fondazzjoni Vilhena tal-Mitħna fi Triq l-Għarb kif kienet qabel ma twaqqgħet (meħuda minn 'L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil Gżejjer Maltin ta' Clifford Vella li ħadha mil-Bibjoteka Nazzjonali ta' Malta)[3]*

Erbgħin sena wara, l-kapomastru Andrea Psaila spezzjona l-propjeta' tal-Fondazzjoni Manoel f'Għawdex u sab li l-mitħna kien fiha ħafna ħsara għaliex kienet inbniet b'ġebel ħażin u kellha tikħil mil-agħar.[2] Sab konsenturi kbar fil-ħitan u rrikomanda li terġa tinbena mill-ġdid. Qabel ma ġie deċiż li għandha titwaqqa u terġa tinbena l-Fondazzjoni bagħtet lill-kapomastru Pietro Scerri u l-bennej Giovanni Scerri biex jerġgħu jiċċekkjaw il-bini. Dawn qablu ma Psaila li l-mitħna kienet fil-periklu li taqa' u ma setgħetx tintuża iktar. Reġgħet inbniet u kienet kompluta f'April tal-1784 (Figuri 2 u 3).[2] Inkriet lit-taħħan Ġorġ Xikluna. Ma ġenbha kien hemm forn fejn kienu jagħġnu u jaħmu l-ħobż. Wara Ġorġ, ħadha f'idejh ibnu Salvu fit-8 ta' Marzu 1808 b'ċens ta' 750 skud fis-sena imqassam f'erba' pagament (kull 3 xhur) għal 29 sena. Barra l-ħlas tal-kera dan kellu jagħti 7 wardiet roża lit-tlett membri tal-Kummissjoni tal-Fundazzjoni u żewġ sriedaq u żewġ tiġiġiet lit-teżorier li dak iż-żmien kien Giovanni Battista Abbate mil-Belt Valletta.[4] Salvu naqqsu x-xogħol għax kellu l-ħaġriet tat-tħin ħżiena u ma kellux flus biex jibdilhom.[5] Miet fl-1822 u ħalla warajh ħafna dejn. It-taħħan Mikiel Mifsud ħa l-mitħna f'idejh wara li miet Salvu.[5]

Nafu li fi Frar tal-1837 il-mitħna kienet f'idejn Danieli Xikluna li kien iħallas 60 lira sterlina fis-sena u f'Marzu tal-1847 kienet f'idejn iben Danieli, Michele Xikluna. Meta ħadha f'idejh, Michele kellu jħallas 70 lira sterlina biex jagħmlilha l-manutenzjoni għax missieru kien iżommha fi stat ħażin.[5] Fl-1850 il-mitħna għaddiet għand Vinċenzo Grech b'ċens ta' 40 lira fis-sena għal 40 sena u b'reviżżjoni tal-kera kull 8 snin. Sal-1865 l-mitħna biddlet it-taħħan u issa kienet f'idejn Lorenzo Camilleri, Ġorġ Xikluna u Mikiel Camilleri u fl-1899 waqgħet f'idejn Tereża Xikluna.[6]

Fl-1902 Tereża talbet lill-Gvern biex inaqsilha l-kera iktar minn darba għax kien kontinwament jonqos ix-xogħol billi kienet fetħet magna tat-tħin tal-istim fir-Rabat.[6] Fl-1909 inkriet minn Ġużepp Formosa u f'Diċembru tal-istess sena, dan informa lid-Dipartiment tal-Kuntratti li ma setax illaħħaq mal-ispejjeż tal-kera l-iktar għax kienet infetħet magna tat-tħin tal-istim fl-Għarb.[6]



*Figura 2. Il-Mitħna ta' San Niklaw bid-dirgħajn u l-qlugħ armati tidher minn ġol-arkata tal-Akwedott (madwar 1908)*



*Figura 2. Il-Mitħna ta' San Niklaw bla dirgħajn/antenni (2019)*

Fl-1858 Wiġi Camilleri li kien minn Ħaż-Żabbar bin Toni "ta' Nonu" (għal missieru Antonio) bena mitħna tar-riħ fil-limiti ta' Għammar u l-Għasri taħt ir-riħ tal-Fanal ta' Ġurdan (Figura 4). Iktar tard tlaqqam "Il-Gerriefi).[7] Kienet mibnija kollha bl-injam u kienet tissejjaħ "Il-Mitħna tal-Fanal". Toni Calleja jikteb fuq ir-rivista "Il-Korpus" tat-2012 li Wiġi Camilleri irrapporta li fis-7.30 ta' filgħaxija tal-31 ta' Jannar 1898 persuni mhux magħrufa serqulu xkora li kien fiha tomnejn u nofs tgħam tal-maħlut, li kienet tiswa ħames xelini u li għal ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu sab ix-xkora vojta fuq il-ħajt faċċata tal-mitħna. Min seraq baqa' ma nqabadx. Fil-bidu ta' Settembru tal-istess sena Wiġi reġa ġie misruq sittax-il-xelin. Din id-darba l-ħallelin inqabdu. Kienu tlett itfal li kien joqogħdu fl-inħawi u kollha kienu taħt it-tnax il-sena. Riefnu qawwi qered il-mitħna għal kollox fl-1939.[8]



*Figura 4. Il-Mitħna tal-Fanal fl-Għasri (ritratt madwar 1900)*

Fis-seklu dsatax il-popolazzjoni tal-Għarb baqgħet tikber u bdiet tinħass il-ħtieġa li tinbena mitħna tar-riħ fl-Għarb stess. Għalhekk Ġużepp Grech bin Bernardu u Rożarja bena "Il-Mitħna ta' Borom" fl-1862 (Figura 5).[9] Din tinsab fi Triq l-Għarb kanturiera ma Triq Karmela Grima. Din il-mitħna kienet tat l-isem lit-triq prinċipali fejn tinsab '*Strada Molino al vento'* li imbagħad saret Triq il-Knisja kif għadha sal-lum.[10] Il-mitħna hija mibnija bil-ġebel tal-franka fuq żewġ sulari li fuqhom għandha tromba għolja għoxrin filata.Ġużepp Grech miet fil-25 ta' Frar 1892 u ħalla l-mitħna lil Antonio Cassar (Figura 6) flimkien ma sittax-il-siegħ raba li kienu jħallsu tlettax il-lira sterlina kull sena; disa' liri u ħames xelini bħala legat taż-żwieġ u tlett liri u ħmistax-il-xelin ċens lill-Knisja Kattidrali tar-Rabat Għawdex.[9] Fit-13 t'Ottubru 1894 dan Antonio Cassar ta' tmien liri sterlini lill-Arċipriet F.S. Debrincat li kien sab moħbija fil-ħajt tal-mitħna. B'ordni tal-Isqof Giovanni Marija Camilleri nofs lira ngħatat lura lil Antonio u s-seba' liri nofs l-oħra żdiedu mal-legat taż-żwieġ.[9] Dan Antonio darba qabad il-qorti ma wieħed mil-ġirien għax dan tella' ħajt quddiem il-mitħna li setgħa itellef ir-riħ lill-mitħna tiegħu.[11] Jingħad li Antonio dejjem kellu bandiera ta' Strickland tperper fuq il-bejt tal-mitħna.[11] Insib din stamba għaliex għalkemm Strickland kien fil-kunsill tal-Gvern mil-1887 sal-1902, mil-1902 sal 1917 ma kienx Malta iżda kien Gvernatur ta' Leeward Islands fil Karibew (1902-1904) u ta' West Australia, New South Wales u Tasmania (1904-1917). Il-mitħna għalqet il-bibien tagħha fl-1916 għaliex fil-Fgura (fil-bidu tal-Għarb) Mikiel Portelli "tal-Ħaddied" (Figura 7) flimkien ma Mikiel Anġ Cassar (Figura 8), li kien jiġi ħu t-taħħan Antonio, kienu fetħu magna tat-tħin taħdem bl-istim u ħadu ħafna mix-xogħol tat-tħin.[11] Il-ġurnalist u kittieb Anton Cassar jistqarr li dan Mikiel Anġ Cassar li kien in-nannu tiegħu, ta' 14-il-sena ħarab mid-dar t'ommu Filippa fl-Għarb għal Malta, għamel żmien jaħdem mar-Royal Navy u mbagħad irritorna lejn l-Għarb biex ma Mikiel Portelli jiftħu l-magna tat-tħin.[11] Anton Cassar kellu fil-pussess tiegħu rċevuti tal-ġbir tas-sehem tan-nanna tiegħu Anna Cassar mil-operat tal-magna tat-tħin tal-Fgura (Figura 9).[11]

Wara li għalaq l-mitħna, Antonio siefer lejn l-Awstralja u billi l-mara u t-tfal żgħar tiegħu ma kienux jafu jħaddmuha, żarmawha u ħarqu ħafna mil-injam tagħha.[9]



*Figura 5. Il-Mitħna ta' Borom fl-Għarb (2019)*



*Figura 6. Antonio Cassar, it-taħħan tal-'Mitħna ta' Borom'. Ritratt tal-Passport mill-Arkivji Nazzjonali, Rabat, Malta.*



*Figura 7. Mikiel Portelli li flimkien ma Mikiel Anġ Cassar ġab lil-magna tat-tħin tal-istim fl-Għarb. (ritratt Anton Cassar).[11]*



*Figura 8. Mikiel Anġ Cassar li flimkien ma Mikiel Portelli ġab il-magna tat-tħin tal-istim Fl-Għarb (ritratt Anton Cassar).[11]*



Nota di un affolino di farina
posta al Gozo – nominato il Għarb
occupata da ufficiale Portelli del quale
io, Anna fò la propieta della sua
metà, che da 7 anni in circa che io
mi sono entrata propietaria di quella metà
sempre mi a pagato secondo il frutto
chi fece il presente affolino
in fede.
Anna Cassar

*Figura 9. Riċevuta li Anna Cassar għamlet meta rċievet il-ħlas tas-sehem tagħha mil-qligħ tal-magna tat-tħin tal-istim. (ritratt Anton Cassar)[11]*

**Referenzi**


1. Attard Joseph. From Wheat to Bread through the Gozo Windmill. F' Farrugia J u Briguglio L (Edituri). A Focus on Gozo. Universita ta' Malta (1996) paġna 160.
2. Ibid paġna 161.
3. Vella Clifford. L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ Fil-Gżejjer Maltin (2011) paġna 84.
4. Attard Joseph. From Wheat to Bread through the Gozo Windmill. F' Farrugia J u Briguglio L (Edituri). A Focus on Gozo. Universita ta' Malta (1996) paġna 162.
5. Vella Clifford. L-Imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ Fil-Gżejjer Maltin (2011) paġna 85.
6. Ibid paġna 87.
7. Attard Joseph. From Wheat to Bread through the Gozo Windmill. F' Farrugia J u Briguglio L (Edituri). A Focus on Gozo. Universita ta' Malta (1996) paġna 165.
8. Calleja Toni. Il-Korpus. Numru 37. Parroċċa tal-Għasri, Għawdex (2012) paġni 88-90.
9. Camilleri Salvatore. Noti manuskritti fuq l-Istorja tal-Għarb (mhux ippublikat).
10. Formosa Patrick. A History of Għarb. Salesians of Don Bosco, Sliema, Malta (2018) paġna 260 notament 35.
11. Cassar Anton. Ħajti Mhix kollha Ward u Żahar. ( 2009) Sensiela Kotba Soċjalisti numru 122 paġni 3-5.




## ROKNA SAĦĦA

# X'inhi l-Aromaterapija

*minn Pauline Attard*

Ħafna żgur semgħu jew qraw dwar iż-żjut naturali li ħafna jsibhom bħala l-essential oils. Dan huwa is-sustanza bħal ma' l-bniedem għandu demm tax-xtieli, fjuri, qxur taċ-ċitru, għeruq, siġar eċċ.

Dawn iż-żjut huma tajbin u jaqblu u jgħinu lill-bniedem għal fatt li għandhom l-istess bżonn u fatturi; bħal l-arja, ilma, vitamini u x-xemx!

L-Aromaterapija tinqasam fi tnejn, dik tal-aroma u dik tat-terapija. Ħa nitkellmu l-ewwel fuq l-aroma. Din hija r-riħa tal-fwieħa taż-żejt. Din tista' tgħoġbok u tista' le. Jekk inti persuna ferriħija normalment jgħoġbuk irwejjaħ taċ-ċitru u fjuri, jekk inti avventuruża tmur iktar għal riħa friska bħal cypress, menta u fjuri. Persuna riservata u romantika jgħoġbuha irwejjaħ iktar profondi bħal fjuri eżotiċi u reżin, dik mistħija tmur iktar għal fjuri, dik spontanja tmur iktar għal spices. Skont il-karattru tal-persuna kif ukoll il-burdata jaffettwaw x'tip ta' riħa tolqtok. U għalfejn qed ngħid hekk? Għax jekk riħa ddejqek il-fejqan u l-effett mistenni mhux ser iseħħ, għax flok ser jgħinek ser idejqek u tista' tiġi għar! Hemm ukoll dawk li ċerti irwejjaħ iġibulu ċertu dieqa jew ferħ! Għalhekk ir-riħa taż-żejt tilgħab parti mportanti fit-terapija.

It-tieni hija terapija. Dawn iż-żjut jgħinu perfettament fejn tidħol is-sistema respiratorja, artrite, uġigħ fil-ġogi u maskolari. Fis-sbuħija u kundizzjonijiet tal-ġilda dawn ukoll jidħlu tajjeb ħafna u għandhom ħafna benefiċċji. Jekk wieħed jaqra l-ingredjenti fuq il-prodotti żgur li ser issibu minnhom. L-essential oils tajbin ukoll għal min ibgħati bl-eczema, psoriasis, acne eċċ. Ma jonqosx ukoll li jintużaw għas-sbuħija tal-wiċċ u l-ġilda.



Dawn iż-żjut ma jintużawx biss għal meta wieħed ikun ma jiflaħx, jistgħu jintużaw fit-tindif tad-dar, kif ukoll biex infewħu u nipproteġu d-dar mill-mikrobi.

Meta wieħed juża dawn iż-żjut regolarment jimrad inqas u jħossu mentalment u fiżikament iktar b'saħtu.

L-Aromaterapija hija mezz ta' kif tgħix aħjar f'armonija sabiħa man-natura u miegħek innifsek. Flixkun żejt naturali għandu ħafna benefiċċji u użu differenti. Għalhekk minn qalbi nixtieqek li tibda tużahom biex tnaqqas mill-mard u tgħix aħjar.

Meta wieħed juża dawn iż-żjut terapjutiċi, wieħed mhux qed jagħmel ħsara fl-organi bħal l-istonku u l-fwied għax dawn jidħlu fid-demm u l-ġisem kollu jibbenefika minnhom.



## *Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb. Għamel użu minnhom!!!*

## *Services offered by l-Għarb Local Council. Make use of them!!!*



L-Uffiċju tal-Kunsill Lokali l-Għarb ikun miftuħ għall-pubbliku:

**Fix-Xitwa:**
- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-3pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

**Fis-Sajf:**
- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-12.30pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

Il-pubbliku in ġenerali b'mod partikolari r-residenti ta' l-Għarb jistgħu jaslu wasla sa dan iċ-ċentru ċiviku fejn jistgħu jinqdew minn ħafna servizzi taħt saqaf wieħed.

Ir-residenti huma mistiedna sabiex jgħaddu l-ilmenti / suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill billi jirrikorru l-uffiċju jew iċemplu fuq 21560556 jew permezz ta' l-email fuq gharb.lc@gov.mt. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jgħin lir-residenti fejn hu possibli u bl-aħjar mod possibli. Apparti dan, il-Kunsill joffri wkoll għadd ta' servizzi oħra fosthom dawn segwenti:

The offices of the l-Għarb Local are open for the public:

**In Winter:**
- Monday to Friday between 8.00am and 3pm
- Saturday between 8.15am and 11.15am

**In Summer:**
- Monday to Friday between 8.00am and 12.30pm
- Saturday between 8.15am and 11.15am

The general public, in particular the Għarb residents can come visit this civic center where they can avail of many services under one roof.

The residents are invited to present their complaints / suggestions to the Council either by calling personally or by phone on 21560556 or email on gharb.lc@gov.mt. The Council takes care in doing everything possible to help the residents when and in the best possible way. Apart from this the Council also offers other services as follows:-

Servizz ta' **Librerija Pubblika** fejn kullħadd qed jiġi mistieden jasal wasla sal-librerija li tinsab ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku u jissellef kotba tal-qari jew jagħmel xi riċerki minn fuq kotba ta' referenza. Meta wieħed jissieħeb ma' din il-librerija ikun jista' jsib għadd ta' kotba li jvarjaw minn kotba tat-tfal sa kotba għall-adulti non-fiction kif ukoll fiction. Żgur li wieħed isib ktieb / kotba ta' interess għalih. Ħinijiet tal-ftuh:
- It-Tlieta mit-8.30am san-12.30pm
- Is-Sibt mit-8.30am sal-11am



Service of **Public Library** where everyone is welcome to visit the library which is located within the Civic Centre and borrow books or even make a research from reference books. When one becomes a member of the library, he/she can choose from a number of books available which vary from children books to adult books fiction and non fiction ones. Opening hours:
- Tuesday from 8.30am – 12.30pm
- Saturday from 8.30am – 11am

Servizz ta' **WIFI** li huwa miftuħ għall-pubbliku in ġenerali. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas. Din tippermetti li min ikollu l-laptop / mobile tiegħu ikun jista' jaċċedi wkoll għal dan l-WIFI b'xejn.




**WIFI** Service which is open to the general public. This service is being offered free of charge. Residents can bring their laptop/ mobile phone and connect for free to this WIFI service.

Servizz ta' **Ġbir ta' Skart Domestiku, Skart Organiku u Skart għar-Reċiklaġġ** li jiġi offrut skond l-iskeda segwenti s-sena kollha:-



**Refuse Collection Service** is offered to the Gharb residents all year through as per below schedule:-







*Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar is-sistema' tal-ġbir fejn huwa mportanti li meta joħorġu l-iskart, dan iħalluh wara l-bieb ta' darhom u f'ebda post ieħor. Fuq xi problema dwar il-ġbir tal-iskart, ġentilment mitlub sabiex jirrikorri jew iċempel lill-Kunsill u jispjega l-problema tiegħu.*

*The Council would like to request the resident's attention that refuse is to be left in front of the resident's household before the mentioned time. Residents who incur any problems are kindly requested to contact the Council and explain the situation.*

Servizz ta' **Reċiklaġġ** offrut 24 siegħa kuljum. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti kollha jipparteċipaw fis-sistemi tar-reċiklaġġ li għandna disponibbli fil-ġurnata tal-lum. Apparti l-ġbir ta' kull nhar ta' Tlieta bieb bieb, il-Kunsill għandu ukoll bins għar-reċiklaġġ tal-

- karti
- metal
- plastic
- ħġieġ
- ħwejjeġ
- skart elettroniku żgħir

li jinsabu fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta' l-Iskola Primarja kif ukoll bin ieħor żgħir għall-ġbir ta' batteries li jinsab ġewwa l-Uffiċju tal-Kunsill. Huwa mportanti li kull wieħed u waħda minna ngħinu lill-Ambjent ta' madwarna billi nagħtu s-sehem tagħna f'dawn l-inizjattivi.




The Council also offers a 24-hour service of **Recycled Refuse** through bins which are located near the school gate. These bins are for:

- glass
- metal
- plastic
- papers
- clothes
- small electrical refuse

Another small bin for the recycling of batteries is found at the Council's offices. *It is important that all residents participate and give their contribution towards this ecological initiative.*

**Kuntatt ta' fejn wieħed għandu iċempel meta ikun f'każ ta' kollużjoni : 21320020.**



**One is requested to call on 21320020 in case of a collision accident.**

Servizz ta' Open Skip liema servizz qiegħed jiġi offrut mill-Kunsill Lokali nhar ta' Sibt. Dan is-servizz huwa miftuħ għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jarmu l-iskart goff tagħhom ġewwa fih. Is-servizz matul is-sena 2020 jingħata fid-9.00am fi Triq Tumas Cassar fil-ġurnata tas-Sibt.

Ser jitqassam kalendarju bid-dati u dettalji ta' dawn is-servizzi msemmija.



**Open Skip service is offered to the public on Saturday between 9.00am and 10.30am at Tumas Cassar Street between 9am – 10.30am. All residents who have any kind of bulky refuse can make use of this service. The service through the year 2020 will be provided on Saturdays.**

**A calendar with dates and details related will be distributed.**

Il-Kunsill Lokali l-Għarb javża li wara li ġie sospiż is-servizz tal-ġbir tal-**iskart goff** bieb bieb mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika, l-Kunsill jipprovdi dan is-servizz bla ħlas lil residenti. Kull min ikollu bżonn ta' dan is-servizz huwa ġentilment mitlub sabiex iċempel l-Uffiċju tal-Kunsill fuq 21560555 u jibbukja dan is-servizz.

Il-Kunsill jaċċetta wkoll **Ħlasijiet** ta' diversi servizzi fosthom:

- **ħlas ta' liċenzji tal-ħwienet**
- **ħlas tal-multi**
- **ħlas ta' raba' tal-Gvern**
- **ħlas ta' permessi**




Apart from this service another related service is that of **Bulky Refuse** Service. L-Gharb Local Council would like to notify that after suspension of bulky refuse service by the Public Cleansing Department, the Council is offering this service to the residents free of charge. Anyone needing this service is kindly requested to contact the Local Council on 21560556 and book this service.

The Council accepts **Payments** for various services such as:

- **Shop Licenses**
- **Contraventions**
- **Government Land Rent**
- **issuing of various permits**

Servizz għall-Anzjani Residenti huwa servizz ta' **Ċentru ta' Matul il-Jum**. L-Anzjani tal-Lokalita' huma kollha mistiedna sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz fejn kull nhar ta' Tnejn bus apposta tiġi tiġbor lill-Anzjani u teħodhom ġewwa dan iċ-Ċentru f'Għajnsielem fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin b'attivitajiet organizzati apposta għalihom fosthom tombla u ħafna aktar...



Another service offered by the Council that is given the Elderly residents is that of a **Day Centre.** The Elderly residents are invited to make use of this service. Every Monday a special bus collects the Elderly to take them to the Day Centre where activities are organized for them such as tombola and much more....

Servizz ieħor mill-Kunsill huwa l-**Manutenzjoni ta' dawl tat-toroq**. Dan is-servizz jinkludi fih id-dwal tat-toroq li huma mwaħħlin mal-ħajt u li l-manutenzjoni tagħhom issir minn kuntrattur tal-Kunsill. Id-dawl l-ieħor tat-triq li huma bozoz imwaħħla ma' arbli, dawn jieħdu ħsiebhom l-Enemalta. Ir-residenti xorta waħda huma mħeġġa sabiex kull rapport isir il-Kunsill u fejn hu possibli għandu jiġi nnotat ukoll in-numru li jkun hemm imwaħħal mal-bozza. Kull bozza għandha fil-fatt numru għaliha u sabiex ma jkunx diffiċli huwa mportanti li r-rapport tal-ħsara issir permezz ta' dan in-numru.



Another service offered by the Council is that of **Street Lighting Maintenance**. A private contractor is responsible for the maintenance of all lights fixed to houses. The other street lighting such as lamps fixed to poles are maintained by the Enemalta Corporation. In both cases the residents are kindly requested to contact the Council and give details about the not functioning lamps or intermittent lamps. It is advised that where possible, residents take note of the lamp number fixed to every lamp so that the report is as accurate as possible.

# Children's Corner





Reading Comprehension Worksheet

## Christmas Morning

Read the short story below, then answer the questions.

Wendy woke up early on Christmas morning. When she went downstairs, she was very excited to see that there were many presents under the tree. She was so excited that she woke up her brother Billy to see. Wendy and her family had a great Christmas morning!

Questions

1) When did Wendy wake up in the morning?
   (a) early
   (b) late

2) What was under the tree?
   (a) food
   (b) presents

3) Who did Wendy wake up in the morning?
   (a) her parents
   (b) her brother


## Christmas Crossword

**ACROSS**
1. Pumpkin or mincemeat
3. Santa's ride
6. Celebration
8. Newborn
9. Northpole crew
13. Word of praise
14. Words on a Christmas card
17. It's opened on Christmas

**DOWN**
1. Alternative word to 17 across
2. Christmas drink
4. Christmas dinner centerpiece
5. Dec. holiday
7. Christmas warmer
8. "Jingle ____"
10. Christmas tree
11. O. Henry's "The Gift of the ___"
12. What carolers do
15. French Christmas
16. Snow glider



"To Remind the World of the Love Jesus Gave"

'Twas the night before Christmas
and all through the house,
Not a creature was stirring,
not even a mouse.
And on goes the story
about Christmas Eve
And the jolly old man in whom we believe.

Have you ever wondered how Santa came to be?
So important to Christmas and to you and to me?
Well, it all began a long time ago,
The night before Christ to earth was to go.

All prepared to make Christ's birth well announced,
With angels and music and anthems pronounced.
But alas, all had forgotten in the final rush
How to make Christ's birthday remembered to us.

The kingdom was searched for the most excellent plan
That would help us remember God's gift to man.
A saintly old fellow, so jolly and gay,
Came up with the best plan that was offered that day.

He said, Send a fellow each year at this time
Who would help people be happy and comfort their minds.
He could help man remember that God loves us so
By bringing presents to both friend and foe.

"He would show by example that true love and joy
Come only when shared with each girl and each boy."
Heaven decided that Santa's plan would be just right,
And Santa was asked to play the part that very first night.

So from the first Christmas night down to today,
When one heard the bells jingling and saw the big sleigh,
They knew it was Santa making his way
To remind the world of the love Jesus gave.

So, this night before Christmas
when you hear Santa come,
Remember he's doing it for the
love of God's Son.
Remember that he teaches
as did Christ of old
That to give of ones self is
more precious than gold.

(Author Unknown)

# RIĊETTI

Liza Frendo



## TIĠIEĠA BIZ-ZALZA TAL-LUMI



**Jkollok bżonn:**
- 4 biċċiet tiġieġa
- Bżar u melħ
- 2 mgħaref żejt
- 30g butir
- ¼ ta' kikkra dqiq
- 1 ¼ kikkra stock tat-tiġieġ
- Werqa randa
- żewġ isfar tal-bajd
- 2 mgħaref meraq tal-lumi
- Ftit tursin imqatta' rqiq biex iżżejjen

**Kif tagħmel:**
Gerbeb it-tiġieġa fil-melħ u bżar. Saħħan iż-żejt u l-butir ġo taġen u aqli t-tiġieġa għal 12 il-minuta sa ma tiħmar.

Neħħi t-tiġieġa minn ġot-taġen u erfa' fil-ġenb. Naqqas iż-żejt minn ġot-taġen u ħalli qisu daqs żewġ mgħaref.

Poġġi t-taġen fuq in-nar u żid id-dqiq u ħawwad sewwa, issa żid it-tiġieġa fit-taġen u żid il-werqa tar-randa, għatti t-taġen u sajjar bil-mod għal 30 minuta sa ma jsir.

Poġġi t-tiġieġa ġo dixx li tkun ħa sservi bih. Ħabbat l-isfar tal-bajd mal-meraq tal-lumi u ma' tliet mgħaref minn dak li jkun hemm fit-taġen, poġġi ġo taġen u saħħan bil-mod. Ħawwad sewwa sa ma tagħqad imma tħallihiex tagħli.

Itfa' fuq it-tiġieġa u żejjen bit-tursin. Servi għal erbgħa.

## PIPRADE



**Jkollok bżonn:**
- 60g butir
- Basla mqatta' rqiq
- Tewma mgħafġa
- Bżaru aħdar mqatta' rqiq (sliced), neħħi ż-żerriegħa
- 3 tadamiet bla żerriegħa mqatta' rqiq
- Bżar u melħ
- 4 bajdiet
- Ftit tursin mqatta' rqiq
- 6 biċċiet bacon mixwija fuq grill

**Kif tagħmel:**
Saħħan nofs il-butir ġo taġen, itfa' t-tewm u l-ħaxix kollu u sajjar bil-mod sa ma' l-ħaxix jirtab mhux jiħmar.

Issa ħabbat il-bajd mat-tursin. Saħħan l-butir li kien għad baqalek ġo taġen u xħin jisħon sewwa itfa' l-bajd u sajjar sa ma' jagħqad sewwa żid il-ħaxix u ħawwad malajr. Sajjar bil-mod sa ma' jagħqad kollox flimkien.

Poġġi ġo dixx li tkun se sservi fih u żejjen bil-bacon fuq u servi dritt.

Servi għal tnejn.

## CAKE TAL-LEWŻ U CHERRY



**Jkollok bżonn:**
- ¾ ta' kikkra lewż mitħun
- Kikkra zokkor
- 3 bajdiet imħabbtin
- 150g butir artab
- 1 ¼ ta' kikkra dqiq
- 250g ċiras maqsum minn nofs
- 1/3 ta' kikkra coconut

**Kif tagħmel:**
Ħallat il-lewż mitħun ma' nofs kikkra zokkor ġo bowl u għaqqad flimkien b'żewġ mgħaref bajd imħabbat, ħawwad sewwa u ħalli f'ġenb.

Ħabbat il-butir u zokkor li baqa' flimkien sa ma' jitħallat sewwa, issa żid il-bajd li baqa' ftit ftit u ħawwad sewwa, x'ħin nofs il-bajd tkun ħabbattu żid id-dqiq u ħallat sewwa.

Ħallat iċ-ċirasa u l-coconut flimkien u żid mat-taħlita tad-dqiq u ħawwad sewwa.

Issa itfa' nofs din it-taħlita ġo landa tal-cake li tkun 18cm u għamel il-wiċċ lixx.

Iftaħ it-taħlita tal-lewż li tkun id-daqs tal-landi u poġġija fuq it-taħlita li jkollok ġol-landi u rossa ftit b'subgħajk.

Issa itfa' t-taħlita li kien għad baqalek ġol-landa, illixja l-wiċċ u aħmi ġo forn 160 gradi celcius għal madwar siegħa u kwart.

Jekk tara li l-wiċċ ħa jiħmar żejjed għatti bil-foil għal-aħħar nofs siegħa.

# 2019 Mid-Djarju tal-Kunsill



**5 ta' Jannar** – Ġiet organizzata Festa ta' żmien il-Milied għat-tfal tal-lokalita' ġewwa l-grawnd tal-futbol Perit Wiġi Portelli. Kien hemm diversi logħob differenti għat-tfal ta' kull eta' u kien hemm ukoll Fonzu l-Fenek bħala mistieden speċjali.



***5th January** – An activity 'Children's Feast for Christmas' was held at Perit Wigi Portelli football ground. There were multiple games for children of all ages and Fonzu l-Fenek was the special guest.*

**19 ta' Jannar** – Bejn is-19 ta' Jannar u t-23 ta' Frar ġie organizzat kors tax-Xjenza għat-tfal. It-tfal kollha li attendew ingħataw ċertifikat ta' attendenza.



***19th January** – A Nutty Science course was organised for children between 19th January and 23rd February. At the end of the course all the children who attended were given a certificate of attendance.*

**21 ta' Jannar** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb iffirma ftehim ta' kollaborazzjoni u ħbiberija mall-Kunsill ta' Niscemi minn Sqallija.



***21st January** – The Gharb Local Council signed a collaboration and friendship agreement with the Local Council of Niscemi, Sicily.*

**1 ta' Frar** – Il-Kunsill kien mistieden biex jieħu sehem waqt kwizz fuq il-programm Waranofsinhar fuq TVM fejn is-Sindku David Apap flimkien mall-Kunsillier Emanuel Muscat ipparteċipaw għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Għarb.



***1st February** – The Council was invited to take part in a quiz during a programm on TVM. Mayor David Apap and Councillor Emanuel Muscat were the participants on behalf of the Council.*

**13 ta' Frar** – Il-Kunsill organizza għall-ewwel darba "Valentine Eve" ġewwa s-sala tal-każin tal-banda. Għal din l-attivita' ittellgħet sfilata ta' mudelli bi ħwejjeġ minn diżinjaturi famużi u kien hemm ukoll kant mill-finalisti ta' X Factor.

***13th February** – L-Gharb Local Council organised a "Valentine Eve" for the first time at the Band Club. For*



*this event a fashion show was held showcasing clothes by famous designers and partecipation by X Factor finalists.*

**3 ta' Marzu** – Ġiet organizzata attivita' tal-karnival ġewwa Pjazzetta Isqof Nikol Ġ Cauchi. Kien hemm il-parteċipazzjoni minn diversi gruppi taż-żfin. Il-Kunsill qassam popcorn, prinjolata u mulled wine b'xejn lil dawk kollha preżenti.



***3rd March** – A Carnival activity was organissed at Pjazzetta Isqof Nikol Ġ Cauchi. The event included the participation of various dance groups. Popcorn, Prinjolata and mulled wine were distributed to all those present.*

**29 -31 ta' Marzu** – Għall-ewwel darba f'Malta u Għawdex il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza attivita' bl-isem "Fly to Smile", attivita' fejn bosta residenti u oħrajn magħhom kellhom l-opportunita' biex itiru fuq Hot Air Balloon. Din l-attivita' saret bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u saret ġewwa l-grawnd tal-futbol fi Triq Tumas Cassar.

***29th – 31st March** – For the first time in Malta and Gozo l-Gharb Local Council organised "Fly to Smile" event where residents and others had the opportunity to fly on a Hot Air Balloon. This event was organised with the collaboration of the Ministry for Gozo and was held at the Għarb football ground at Tumas Cassar Street.*




**14 ta' April** – Għat-tielet sena konsekuttiva nhar Ħadd il-Palm ġiet organizzata attivita' tal-Infjorata tal-melħ bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Għarb u l-Ministeru għal Għawdex. Gruppi oħra ta' Infjoraturi minn Sqallija u Sardegna ingħaqdu mall-Grupp Infjoraturi Għarb u kkrejaw 3 disinni ta' Infjorata bil-melħ bit-temi tal-Għid.



***14th April** – For the 3rd consecutive year the Infiorata event was organised on Palm Sunday with the collaboration of l-Għarb Local Council and the Ministry for Gozo. Foreign Infiorata groups from Sicily and Sardegna joined Grupp Injoraturi Għarb and created 3 salt infiorata designs including an Easter theme.*

**4 ta' Mejju** – Grupp Infjoraturi Għarb ħadu sehem waqt il-Gozo Alive billi għamlu infjorata tal-melħ fil-bidu tat-tela' tal-katidral li kienet tirrappreżenta l-logo tal-Gozo Alive u tal-Ministeru għal Għawdex.

***4th May** – Grupp Infjoraturi Għarb took part in the Gozo Alive and made a Salt Infiorata which represented the logos of Gozo Alive 2019 and the Ministry for Gozo.*

**5 ta' Mejju** – Ġiet organizzata Sagra Festa tal-Qaqoċċ ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Din l-attivita' ġiet organizzata għall-okkażjoni tal-Gozo Alive bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex. Waqt din l-attivita' kien hemm vettrini ta' Niscemi – lokalita' minn Sqallija fejn kien hemm degustazzjoni ta' prodotti tipiċi, tisjir, inbejjed u xorb tal-qaqoċċ flimkien ma' esebizzjonijiet tradizzjonijiet u folkloristiċi minn Niscemi. Waqt din l-attivita' kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni mill-istudenti tal-Iskola Primarja Għarb.



***5th May** – On the occasion of Gozo Alive 'Sagra Festa Qaqoċċ' was held at Pjazza taz-Zjara tal-Madonna with the collaboration of the Ministry for Gozo. For this event the Local Council of Niscemi, Sicily was invited to our locality and organised a tasting of their tipical products, cooking, drinks and wine made of artichoke together with traditional and folkloristic exhibitions from Niscemi. Students from Gharb Local Council also took part during this event.*

**10 ta' Mejju** – Ġiet organizzata laqgħa ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ li pparteċipaw fl-ewwel skema tal-proġett għall-ambjent aktar nadif fejn dawn ingħataw e-bikes tal-elettriku b'xejn.



***10th May** – An information meeting was held for the youths who partecipated in the first scheme of the project for a cleaner environment where electric scooters were distributed for free.*

**Mejju** - Saret laqgħa lil erba' organizazzjonijiet lokali fejn b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali l-Għarb tellgħu attivitajiet / proġetti fil-lokalita'. Dawn jinkludu l-Kumitat Festi Esterni, l-Għaqda 31 ta' Mejju, l-Għaqda Mużikali tal-Viżitazzjoni u l-Għarb Rangers FC.



***May** – A meeting was held for four local organisations where with the collaboration of the Council held events / projects in the locality. These included Festa Committee, 31 ta' Mejju fireworks committee, Għaqda Mużikali Viżitazzjoni and Għarb Rangers FC.*

**12 ta' Mejju** – Ġiet organizzata ħarġa għal Malta lir-residenti fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.



***12th May** – An outing to Malta was organised to the residents on the occasion of Mother's Day.*

**15 ta' Mejju** – Saret l-inawgurazzjoni mill-ġdid tal-irħama kommemorattiva tal-iskola l-qadima li kienet twaħħlet mill-ewwel leġislatura tal-Kunsill fejn ġie inkluż magħha Fra. Grazzja li kienet joqgħod fl-istess post. Din l-attivita' saret bil-parteċipazzjoni tal-Iskola Primarja ta' l-Għarb u l-Patrijiet Agostinjani.

***15th May** – An inauguration ceremony of the commemorative plaque of the old school which was*



*installed by the first Council legislation was reinstalled including also Fra. Grazzja who resided in the same building. The event was held with the partecipation of the Gozo College Għarb Primary and the Augustians Friars.*

**22 ta' Mejju** – Ġie inawgurat il-proġett ta' Ċentru ta' Kreattivita' kif ukoll Gym mill-President tar-Reġjun Għawdex flimkien mall-Ministru għal Għawdex l-Onor. Justyne Caruana, mas-Sindku David Apap u Kunsilliera.



***22nd May** – The inauguration of the "Creativity Hub" project as well as the Gym were held by the President of the Gozo Region Samuel Azzopardi, Minister for Gozo Hon. Justyne Caruana, Mayor David Apap together with the Councillors.*

**25 ta' Mejju** – Saret l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex.

***25th May** – The Local Councils election was held.*

**18 ta' Ġunju** - Saret ic-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsilliera l-ġodda.



***18th June** – The oath ceremony for the new Councillors was held.*

**20 ta' Ġunju** – Grupp Infjoratori Għarb ipparteċipaw waqt il-Festa tal-Madonna ta' Pinu bi tlett disinni kkrejati mill-artist lokali Michael Bajada b'metodi differenti li nkludew il-melħ, il-fjuri u l-ġibs.



**20th June** – On the occasion of the Feast of Our Lady of Ta' Pinu, Grupp Infjoraturi Għarb participated with three designs created by local artist Michael Bajada using different materials that included salt, flowers and chalk.

**7 ta' Lulju** – Għat-18 –il sena konsekuttiva, l-Kunsill reġa organizza l-attivita' kulturali tal-Infiorata waqt il-festa



tar-raħal flimkien mall-Kumitat Festi Esterni. Id-disinn ġie kkrejat minn Michael Bajada u t-temi kienu 40 sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari, 400 sena minn meta sar l-inkwadru tal-Madonna tal-Pinu u s-sena Marjana.

***7th July*** *– On the occasion of Għarb Village Feast the Council organised the 18th edition of the Infiorata on the church parvis along with the Feast Committee. The Infiorata design was created by Michael Bajada and the themes for this year included the 40th anniversary since the incoronation of the titular painting, 400 years from of the creation of the titular painting of Our Lady of Ta' Pinu and the Marian year.*

**24 – 29 ta' Lulju** – Il-Grupp Infjoraturi Għarb flimkien mas-Sindku David Apap ipparteċipaw waqt festival tal-Infjorata ġewwa Beau fi Spanja b'disinn minn Michael Bajada għall-okkażjoni tar-raba' laqgħa internazzjonali ta' arti effimera f'Beau.



***24th – 29th July*** *– Grupp Infjoraturi Għarb along with the Mayor David Apap participated during an Infiorata festival in Beau in Spain with a design created by Michael Bajada for the occasion of the 4th international meeting of ephemeral art in Beau.*

**29 ta' Awissu** – Ġie ċċelebrat Jum l-Għarb. Il-programm bħal kull sena beda b'Quddiesa ta' radd il-ħajr u ġie segwit b'serata kulturali ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Ingħataw diversi ċertifikati u rikonoxximenti fosthom Premju Għarb lil Manuel Cauchi, Premju Qlub Ġeneruzi lil Mary Anne Micallef, Premju Volontarjat Lokali lil Joseph Cauchi, the Għarb Gozitan Cultural



Award lil Daniel Cilia u Personal Achievement Award lil Jacob Mizzi.

***29th August*** *– Għarb Day was celebrated. Similar to previous years, the programm started with a thanksgiving mass followed by a soiree in the main square. Amongst the certificates and awards distributed, Għarb Award was given to Manuel Cauchi, Premju Qlub Ġenerużi to Mary Anne Micallef, Premju Volontarjat Lokali to Joseph Cauchi and Għarb Gozitan Cultural Award to Daniel Cilia and Personal Achievement award to Jacob Mizzi.*

**29 ta' Awissu u l-1 ta' Settembru** – Il-Grupp Infjoraturi Għarb marru ġewwa Ġuspini f'Sardinja biex jieħdu sehem fil-festival tal-Infjorata bid-disinn ta' Michael Bajada fuq tema tad-diversita'.



***29th August – 1st September*** *– Grupp Infjoraturi Għarb visited Guspini in Sardegna and took part in an Infiorata festival with a design created by Michael Bajada having diversity as its theme.*

**4 ta' Settembru** – Sar training għaż-żgħażagħ li pparteċipaw mill-proġett tal-muturi elettriċi.

***4th September*** *– Training was held for youths who partecipated in the electric motors project.*

**13 ta' Settembru** – Il-Kunsill ingħaqad mall-bqija tad-dinja f'inizjattiva ta' tindif. Għal din l-attivita' tnaddfu l-wied ta' ħdejn iċ-ċimiterju u l-wied ta' Ġulja ħdejn il-belveder ta' Triq Madonna tal-Virtut.





***13th September** – The Council took part in the Clean up the world initiative together with the rest of the world. The valley near the local cemetery and the Valley near the belveder in Madonna tal-Virtut Street were both cleaned.*

**16-22 ta' Settembru** – Bħas-snin preċedenti l-Kunsill ħa l-inizjattiva sabiex tiġi organizzata l-European Mobility Week bit-tema Safe Walking and cycling. Sabiex jippromwovi din it-tema l-Kunsill organizza mixja għat-tfal tal-primarja segwita b'attivita' sportiva ġewwa l-grawnd tal-futbol Wiġi Portelli, inġabar l-iskart goff bieb bieb mir-residenti u saret survey dwar zebra crossing sabiex tiġi nstallata fl-inħawi tal-Fgura. Għat-tielet sena konsekuttiva sar dining al fresco bil-parteċipazzjoni tar-ristoranti - Iċ-Ċentru Bar & Restaurant, Il-Kunvent Restaurant u Għarb Rangers Bar & Restaurant. Għall-ewwel darba ġiet organizzata 'Għarb Races' fejn ħadu sehem mitt parteċipant.





***16 – 22 September** - Similar to previous year, l-Għarb Local Council took the initiative and organised the European Mobility Week where this year's theme was Safe Walking and Cycling. To promote this event's theme the Council organised multiple activities related to the European Mobility Week including a walk for the primary children followed by a sports activity in Wigi Portelli football ground, bulky refuse collection door to door from residents and a survey on the zebra crossing proposed at the Għarb crossroads in Għarb Road. For the 3rd consecutive year Dining Al Fresco was organised with the partecipation of Iċ-Ċentru Bar & Restaurant, Il-Kunvent Restaurant and Għarb Rangers Bar & Restaurant. For the first time 'Għarb Races' was organised and around hundred participants took part.*

**19 ta' Settembru** – Saret il-preżentazzjoni tal-muturi tal-elettriku liż-żgħażagħ li pparteċipaw fil-proġett innovattiv tal-Kunsill Lokali taħt il-Miżura Permanenti minn Transport Malta ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna.





Flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Justyne Caruana.

***19th Settembru*** *– The presentation of the electric scooters was held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna to those youths who partecipated in the innovative project by the Għarb Council under the Permanent Measure by Transport Malta.*

**22 ta' Settembru** – Għall-ewwel darba ttella' l-Herb festival ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex. Waqt il-festival kellna lil Pauline Attard li tat informazzjoni fuq il-benefiċċji tal-użu ta' prodotti naturali, trattamenti tas-sbuħija naturali u nformazzjoni minn Marion Mizzi u tisjir u tagħlim bi ħwawar differenti minn kokijiet lokali u internazzjonali fejn ir-residenti kellhom l-opportunita' għal digustazzjoni b'xejn.





***22nd September*** *– For the first time in our locality a Herb festival was held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna with the collaboration of the Ministry for Gozo. Activities included information sessions explaining the benefits of using natural products by Pauline Attard, theraputic treatments with infused herbs and natural oil by Marion Mizzi and Plant Cooking by gozitan and international chefs where the residents had the oppotunity for free tasting.*

**24 ta' Settembru** – Ġiet organizzata ħarġa għal Malta għar-residenti. Żaru l-monti tal-Birgu u kellhom ikla l-Mosta.

***24th September*** *- An outing in Malta was organised for the residents. They visited Birgu open market and had lunch at Mosta.*

**4 ta' Ottubru** – Sar il-ftuħ tal-uffiċċju tal-LESA u t-tribunal lokali wara li ġew trasferiti ġewwa l-Kunsill Lokali l-Għarb. Għal dan il-ftuħ kienu mistiedna s-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali l-Onorevoli Silvio Parnis u l-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Justyne Caruana.



***4th October*** *– The official opening of the new LESA offices and Tribunal was held at l-Għarb Local Council. For this opening Parliamentary Secretary for Local Councils Hon. Silvio Parnis, Minister for Gozo Onor. Justyne Caruana were present for the occasion.*

**18 – 20 ta' Ottubru** – Saret it-tieni edizzjoni tal-Kite and Wind International Festival. Il-Ġimgħa filgħodu saru workshops tat-tajr għat-tfal ta' bosta skejjel minn Għawdex ġewwa l-grawnd tal-futbol Perit Wiġi Portelli u filgħaxija sar il-ftuħ ta' dan il-festival b'parata u introduzzjoni tal-parteċipanti internazzjonali ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Is-Sibt u l-Ħadd il-festival kompla fil-limiti ta' San Dimitri, l-Għarb. Għal dan il-festival ħadu sehem madwar 60 parteċipant internazzjonali kif ukoll diversi Maltin u Għawdxin.

***18th – 20th October*** *– The second edition of the International Kite and Wind Festival was held. The festival started with an event at Perit Wigi Portelli Għarb*



*Football Ground where several Gozitan schools attended and took part in the kite workshops then in the evening there was the official opening that included a parade and an introduction of all the partecipants at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. On Saturday and Sunday the festival continued from the limits of San Dimitri, Għarb. Around 60 international kite flyers along with others from Malta and Gozo took part during this succesful festival.*

**24 – 28 ta' Ottubru** – Is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera ġew mistiedna ġewwa Chatillon fl-Italja bħala parti mill-Proġett tal-Ġemellaġġ. Waqt din iż-żjara żaru l-iskola tal-lingwi u turiżmu fost postijiet oħra fejn aktar 'il quddiem ser inkunu qed nospitaw lil din l-iskola fil-lokalita' tagħna.



***24th – 28th October** – The Mayor along with the Councillors were invited in Chatillon in Italy as part of a Twinning Project. During this visit they visited the Language and Tourism School among other places. The Council will be welcoming this School in our locality soon.*

**31 ta' Ottubru** – Il-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-parroċċa tal-Għarb organizza attivita' tal-Qaddisin kollha. Għal din l-attivita' t-tfal tal-lokalita' ġew mistiedna



għall-quddiesa lebsin ta' qaddisin u wara kellhom festin ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill qassam ktieb tat-tpinġija u muffin lit-tfal kollha preżenti.

***31st October** – The Gharb Local Council in collaboration with Għarb Parish organised an All Saints activity. For this activity the children were invited to attend to a mass wearing a saint costume and after a party was held at the Parish Centre. The Council distributed an All Saints colouring book and a muffin to all the children present.*

**22 ta' Novembru** – Saret it-tieni edizzjoni tal-Opra fil-beraħ, din is-sena bl-isem 'F'Baħar ta' Kwiekeb' ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna li għaliha attendiet udjenza numeruża. Il-Pjazza nbidlet f'teatru b'atmosfera unika.



***22nd November** – The second edition of the open air Opera 'F'Baħar ta' Kwiekeb' was held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. A large audience attended for the second edition of the open air opera at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna in Għarb Gozo. The square changed into a spectacular theater with a unique atmosphere.*

**23 – 24 ta' Novembru** – Sar it-tielet edizzjoni tal-festival Make Music Great. Għalkemm din is-sena t-temp ma tantx ippermetta u l-programm ippjanat ma setax



isir, il-festival xorta waħda seħħ u din is-sena kellna fostna Banda minn Spanja bħala mistiedna speċjali fejn flimkien mall-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni ħadu sehem bi programm mużikali. Kellna wkoll lil Bernard Curmi (Puse') fejn ta xow spettakolari bil-vjolin akkumpanjat mill-pjanist Daniel Zak Borg.

**23rd – 24th November** – The third edition of Make Music Great was held. Although this year the the programme could not be held as planned, some adjustments were carried out and the festival was held. This year's special guests were a Musical Band from Spain who together with Għaqda Mużikali Viżitazzjoni participated with a Musical Programm. Bernard Curmi (Puse') also gave a spectacular show with violin together with pianist Daniel Zak Borg.

6 ta' Diċembru – Il-Kunsill Lokali huwa mpenjat sabiex matul l-ewwel sena ta' din il-leġislatura jħawwel 1500 siġra. Grazzi għall-ambjent Malta u Why Not? Bl-għajnuna tas-Sinjura Noemi McDonald, numru ta' voluntiera u l-ħaddiema tal-Kunsill sar tħawwil ta' 250 siġra fiż-żoni tal-grawnd tal-futbol, fil-ġnien tal-iskola primarja u Triq il-Viżitazzjoni.





6th December – The Local Coucil is committed to plant 1500 trees in its first year of this legislature. With the help of Ambjent Malta and  Why Not? With the assistance of Mrs Noemi Mc Donald, a number of volunteers and Council employees 250 trees were planted in the surrounding of the football ground, Għarb Primary School and in part of Visitation Street.

15 ta' Diċembru – Saret attivita' bl-isem 'Christmas in the Square' fi Pjazza taż-Żjara tal-Madonna mill-Kunsill Lokali bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex. Fost l-attivitajiet kien hemm logħob għat-tfal, ritratt ma' Father Christmas, żfin u kant tal-Milied, presepju ħaj kif ukoll tqassmu mulled wine, hot chocolate u snacks b'xejn.



15th December – The activity 'Christmas in the Square' was held in Pjazza taż-Żjara tal-Madonna with the help of the Ministry for Gozo. The activities held included children's entertainment, photo with Father Christmas, Christmas dances and singing and a live crib. Mulled wine, hot chocolate and snacks were distributed for free.

19 ta' Diċembru – Il-Kunsill Lokali Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Iskola Primarja tal-Għarb organizza attivita' lin-nanniet flimkien mal-istudenti. Waqt l-attivita' ġew intervistati n-nanniet b'mistoqsijiet relatati mal-Milied fl-antik. Bħala mistieden speċjali kellna lil Freddie Portelli. Wara kien hemm festin żgħir u n-nanniet ġew mogħtija tifkira tal-okkażjoni.





19th December – L-Għarb Local Council with the collaboration of Għarb Primary School organised an activity for grandparents along with the students. During this activity some grandparents were interviewed with questions related to Christmas in the past. Freddie Portelli was the special guest for this activity. After a small reception was held for all those present and a Christmas token was given to all grandparents.

20 ta' Diċembru – Il-Kunsill Lokali qassam rigal tal-Milied lill-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Għarb waqt il-party tal-Milied.



20th December – L-Għarb Local Council distributed a Christmas present to Gharb Primary students during the school Christmas party.

22 ta' Diċembru – Il-Kunsill Lokali organizza party lit-tfal tal-lokalita' bil-kollaborazzjoni tal-Paroċċa tal-Gharb wara dramm li ttella' ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali. Wara tqassam rigal tal-Milied mis-Sindku lit-tfal kollha preżenti.



22nd December – L-Għarb Local Council organised a Christmas party with the collaboration of Għarb Parish after a play held at Għarb Parish Centre. A Christmas present was also distributed by the Mayor to all children present.

## LIL GHARB

***Joe Galea*** - Awwissu 2005

Ġrejt u fittixt fl-irkejjen bgħid tad-dinja
Lok, fejn il-moħħ jistrieħ u l-qalb tkun ħienja
Fejn l-għatx u n-nixfa tal-ħajja jitrejqu
W l-mard tal-ġisem u tar-ruħ jitfejqu.

Bħalek ma sibt imkien ja raħal tiegħi
Int ġwejjed, mistħi u ġentili miegħi
Bħal mewġ iħabbat ma xtutek qawwija
Id-demm sħun ibaqbaq ġewwa fija.

U bħal mat-trab bajjad fl-egħlieqi tiegħek
Sellifni l-kalċju biex jimla l-għadmi,
Jien fil-mewt tiegħi nerġa nroddu lilek,
Flimkien nitwaħħdu, raħal tal-qaddisin
Jiena u int. Int u jien u l-oħrajn li b'għaraqhom
Għaġnuk, u issa jinsabu meħlusin.



## Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2018

| | € |
|---|---|
| **INCOME** | |
| Funds received from central government | 326,910.00 |
| Income from Local Enforcement System | 543.00 |
| General Income | 206,253.00 |
| | **533,706.00** |
| **EXPENDITURE** | |
| Personal emoluments | (87,586.00) |
| Operations and maintenance | (137,389.00) |
| Administration and other expenditure | (319,976.00) |
| | **(544,951.00)** |
| Operating (loss) / income for the year | (11,245.00) |
| Finance income | 69.00 |
| Finance costs | (3,732.00) |
| **Total Comprehensive (loss) Income for the year/period** | **(14,908.00)** |

## OPERATIONS AND MAINTENANCE

| **Repairs and Upkeep:** | € |
|---|---|
| Road and Street Pavements (patching works) | 5,795.00 |
| Repairs and upkeep | 28,925.00 |
| Street Signs | 2,527.00 |
| Office furniture and Equipment | 1,900.00 |
| Expenses in relation to EU Projects | 13,786.00 |
| Child Care centre costs | 36,113.00 |
| Planting of Trees | |
| **Total** | **89,046.00** |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection | 22,248.00 |
| Bulky Refuse Collection | 567.00 |
| Road and Street Cleaning | 1,680.00 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 4,395.00 |
| Other contactual services | 15,815.00 |
| Street Lighting | 3,336.00 |
| Other | 302.00 |
| Total Operations and Maintenance Expenses | 48,343.00 |
| | 137,389.00 |
| **ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE 2018** | |
| Utilities | 14,281.00 |
| Materials and supplies | 23,777.00 |
| Rent | 4,958.00 |
| National and International | 7,837.00 |
| Office Services | 27,628.00 |
| Transport | 13,384.00 |
| Overseas Travel | 71,787.00 |
| Information Services | 1,357.00 |
| Insurance | 9,152.00 |
| Professional Services | 36,131.00 |
| Community and Hospitatlity | 59,973.00 |
| Depreciation Expense | 20,024.00 |
| Amotisation charge | 1,103.00 |
| Provision for bad debts | 3,160.00 |
| Lease of equipment | 1,924.00 |
| Donations and sundry expenses | 717.00 |
| Loss on disposals | 22,783.00 |
| | **319,976.00** |



COMPASS
MAPFRE
MIDDLESEA
MOTOR
HOME
TRAVEL
MARINE
BUSINESS
HEALTH
Karlu Galea Street, Victoria Gozo
compass@barongroupmalta.com
21556600




IĊ-ĊENTRU
Bar & Restaurant - Gharb
2155 9374 - 9986 2373 - 9945 7173
Take Away &
Cater for Occasions




B.Grima & Sons Ltd.
CAUTION


FRENDO AUTOMOTIVE
Garage 5. Wied Sara Street. Ghasri GSR 2962 Gozo-Malta
Authorize Repairs, Services & Parts for:
Tel: (+356) 2155 0087
Mob: (+356) 9943 6667
Email: info@frendoauto.com
SEAT
Audi
LAND ROVER
MINI
SUZUKI
NISSAN